# IL-HAJJA f'Ghawdex

Nru. 833

Novembru 2001




# fir-raqda tas-sliem

# TERRY'S FABRICS




*Fabric and Sewing accessories for all occasions at reasonable prices.*
*Specialises in School Uniforms and Badges.*

***Tigrija Palazz - Victoria, Gozo.***
***Tel: 559329***

## Sewing Lady

*another branch of Terry's Fabrics*

where you can find the largest range of Sewing accessories on the Island.

***Bust Buy Shopping Arcade, Victoria.***

# f' din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
Il-Pont fuq il-Foss taċ-Ċittadella • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista
- Il-Mewt fil-Komunità Nisranija • 12
Il-Missjoni ta' l-Isqof • 16
Esperjenzi fil-Ġermanja • 20
Bookmark • 22
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Esperjenza: Servizz fil-Bażilika
ta' San Pietru - Vatikan • 24
Tifsir fuq it-tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (4) • 26
Poeżija - Novembru Ifakkarna • 28
Karmni Grima • 29
Drawwiet Missirijietna –
Il-Biedja f'Għawdex (1) • 30
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew tal-Istorja Naturali (2) • 34
Il-Mediċina u l-Mirakli • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 833**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Ottubru 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
*Dettal miċ-Ċimiterju tax-Xewkija*
**Il-Mewt fil-Komunità Nisranija**
*(ara l-intervista f'paġni 12-15)*

# EDITORJAL



## Paċi u Sigurtà

Wara l-istraġi ta' l-attakk teroristiku fi New York id-dinja kollha ħasset nuqqas kbir ta' sigurtà. Naqas bil-kbir l-ivvaġġar speċjalment bl-ajru, naqas it-turiżmu u anki f'pajjiżna tħassru ħafna *bookings* u diversi lukandi baqgħu vojta. Naqas kummerċ ta' kull xorta u ntilfu anke xi mpjiegi.

Naturalment il-pajjiżi li jistennew ritaljazzjoni jinsabu tassew preokkupati. Vendetta ta' ftit individwi ħarbtet is-sigurtà ta' popli sħaħ. Id-dinja llum għarfet kemm hi dgħajfa u kemm ma tistax timxi 'l quddiem mingħajr sens ta' sigurtà. Paċi u sigurtà huma żewġ elementi bażiċi għall-progress.

Mingħajr sigurtà ma nistgħux ngħixu fil-libertà u fil-paċi. Kellu raġun il-Papa Pawlu VI jappella biex kull bniedem jaħdem għall-ġustizzja biex ikun hawn il-paċi u saħaq li l-paċi tiddependi minn kull individwu.

Anki f'pajjiżna għandna bżonn nistinkaw biex jikber is-sens ta' sigurtà. Naturalment m'humiex biżżejjed il-forzi armati, il-pulizija, l-għassiesa, imma hemm bżonn iktar ta' kuxjenza moralment mibnija tajjeb fuq it-tagħlim ta' Kristu. Jekk tiddgħajjef il-kuxjenza, ħadd m'hu ser iwaqqaf l-atti simili għat-terroriżmu li jagħmlu ħsara lill-proxxmu u jimminaw is-sigurtà tal-poplu. Trid tkun il-kuxjenza li bħal pulizija kontinwament issikket l-aptit li wieħed jagħmel vendikazzjonijiet, li jisraq dak li m'hux tiegħu, li jimmina l-fama ta' min ma jaqbilx miegħu, li jagħmel ħsara fi propjetà pubblika.

Jista' jkun li ma naqblux u nimpikaw bejnietna, iżda dan qatt m'għandu jwassal għall-vjolenza. Il-Papa faħħar lill-Armeni li minkejja li hemm reliġjonijiet diversi, in-nies taħdem flimkien u ppreżentahom bħala mudell għad-dinja kollha kif meta jkun hemm rieda tajba, tista' tisseddaq l-għaqda u tinħoloq is-sigurtà, u l-pajjiż jgħix fis-sliem.




***Laqgħa għall-Irġiel fis-Santwarju ta' Pinu***

Kif soltu jsir ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel Arkanġlu, inżammet quddiesa fis-Santwarju tal-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu, preseduta mill-Vigarju Ġenerali l-Arċidjaknu Mons. Ġiovanni B. Gauci. Fl-omelija tiegħu, Mons. Gauci rrefera għal-liturġija tas-26 Ħadd ta' Matul is-Sena li kienet tittratta l-istorja tal-fqajjar Lażżru u l-għani. Il-Vigarju semma li n-nuqqas kbir ta' dak ir-raġel kien il-gost tiegħu li jintasab mal-mejda u jitpaxxa bl-aħjar ikel. Kien bniedem egoist u ħsiebu biss fih innifsu. Mons. Gauci semma wkoll li minħabba fl-egoiżmu tiegħu, l-għani kien bniedem mifrud minn Alla u ma kienx jimpurtah minn dawk anqas ixxurtjati minnu.

***Ftuħ tas-Sena Akkademika fis-Seminarju Maġġuri***

Nhar is-Sibt 29 ta' Settembru, fil-Kappella tas-Seminarju, Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali, mexxa konċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Akkademika. Ħadu sehem fil-quddiesa s-superjuri tas-Seminarju u għadd sabiħ ta' professuri li jgħallmu fl-istess seminarju. Fl-omelija tiegħu Mons. Gauci semma l-importanza kbira tal-formazzjoni akkademika fis-Seminarju li għandha tkun imsieħba minn ħajja ta' talb.

***Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jieħu sehem fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet f'Ruma***

L-isqfijiet Kattoliċi tad-dinja kollha ngabru għal erba' ġimgħat fil-Vatikan sabiex jieħdu sehem fis-Sinodu li ġie msejjaħ mill-Papa Ġwanni Pawlu II. It-tema prinċipali diskussa f'dan is-Sinodu hija l-importanza tar-rwol ta' l-isqof fil-Knisja u l-ħtieġa ta' aktar diskussjoni bejn il-Kulleġġ ta' l-Isqfijiet u l-Papa. Mons. Isqof Cauchi qed jirrappreżenta l-Konferenza Episkopali Maltija.

***Laqgħat għas-Saċerdoti taż-Żoni B u Ċ***

Saret laqgħa għas-saċerdoti taż-Żona B nhar is-Sibt 22 ta' Settembru. Ħadu sehem il-kappillani u l-arċipreti tal-parroċċi ta' l-Għarb, San Lawrenz, l-Għasri, ta' Kerċem u ż-Żebbuġ. Tkellem l-Arċipriet tax-Xewkija li fid-diskors tiegħu saħaq fuq l-importanza li għandha l-omelija fis-sagrifiċċju tal-quddiesa. Tkellem ukoll il-Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni B. Gauci dwar il-kollaborazzjoni li għandu jkun hemm bejn is-saċerdoti u l-lajċi. Laqgħa oħra saret ukoll għas-saċerdoti taż-Żona Ċ li tinkludi fiha l-parroċċi tal-Qala, Għajnsielem, ix-Xewkija, ta' Sannat u l-Munxar. Il-laqgħa saret nhar id-29 ta' Settembru, festa ta' San Mikiel, fl-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem. Mexxa l-laqgħa Mons. Lawrenz Sciberras, Vigarju Foranju. Dun Karm Attard, il-mistieden speċjali, tkellem dwar l-importanza u l-ħtieġa li nifhmu s-Salmi ta' l-Iskrittura.

***Laqgħa ta' Mons. Isqof mar-religious counsellors***

Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi kellu laqgħa mportanti li fiha ltaqa' mar-*religious counsellors* ta' l-iskejjel privati u tal-gvern li għandna f'Għawdex. Matul din il-laqgħa Mons. Isqof semma l-importanza tar-rwol li għandhom ir-*religious counsellors* f'dan ir-rigward. L-Isqof saħaq fuq il-ħtieġa li dawn ir-*religious counsellors* jagħtu mportanza kbira lill-valuri nsara fir-rapporti tagħhom maż-żgħażagħ u l-istudenti.

***Ftuħ tas-Sena Kateketika***

Nhar l-Erbgħa 26 ta' Settembru Mons. Isqof kellu laqgħa mal-katekisti kollha li jgħallmu fl-oqsma tad-duttrina kollha ta' Għawdex u mas-soċji li jmexxu l-oqsma tal-MUSEUM fid-djoċesi tagħna. It-tema ta' din il-laqgħa kienet "*Xi tfisser tkun katekist*". Matul il-laqgħa l-Isqof tkellem dwar ir-rwol li għandhom il-katekisti u spjega li dan huwa rwol delikat imma mportanti ħafna fil-knisja. Imbagħad nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru, Mons. Salv Borg, inkarigat mill-Uffiċju

Kateketiku fil-Kurja Djoċesna, mexxa siegħa adorazzjoni fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Taċ-Ċawla.

### *Seminar għaż-Żgħażagħ*





Nhar il-Ħadd 23 ta' Settembru, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ organizzat nofs ta' nhar fil-*Grand Hotel* fl-Imġarr Għawdex. It-tema ta' din il-laqgħa mportanti kienet *"Ir-rwol tal-gruppi parrokkjali u l-għaqdiet fil-formazzjoni nisranija ta' l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ"*. Hadu sehem diversi membri ta' l-għaqdiet. Kien preżenti wkoll Mons. Isqof li wassal ukoll il-messaġġ tiegħu. Matul il-laqgħa ż-żgħażagħ preżenti nqasmu wkoll f'workshops ta' studju. Fost il-kummenti mportanti li saru, issemmiet il-ħtieġa li jinstabu forom ta' kollaborazzjoni fi ħdan il-parroċċi tagħna u li jkunu fuq livell ta' riżorsi fil-katekisti. Issemmiet ukoll l-importanza tar-rwol tas-saċerdoti u l-ħtieġa tal-preżenza tagħhom f'dan ir-rigward.

**Fund Raising b'riżq ir-Respite Centre**

Nhar is-Sibt 22 ta' Settembru, fil-Parroċċa ta' Sannat, ġiet organizzata attività ta' *fund-raising* b'risq ir-*Respite Centre* ta' Għajnsielem. Hadu sehem għadd sabiħ ta' żgħażagħ. Ħa ħsieb ta' dan Mons. Anton Saliba mill-istess raħal.

***Seminar mill-Parroċċa tal-Qala***

Is-seminar parrokkjali tal-parroċċa tal-Qala ser nhar is-17, 18 u 19 ta' Settembru f'Dar Stella Maris iż-Żebbuġ. Fl-ewwel jum kienu mistiedna l-katekisti kollha. Indirizzahom Dun Mikiel Galea. Sar aċċenn fuq l-importanza tal-koperazzjoni bejn l-għaqdiet flimkien tal-parroċċa. L-għaqdiet ftiehmu biex flimkien jorganiżżaw kors ta' laqgħat għall-familji żgħar u għall-ġenituri ta' l-adoloxxenti. Fit-tieni jum, imbagħad, kienu mistiedna dawk li jagħmlu xogħol voluntarju fil-parroċċa. Fr. Joseph Buttigieg OFM Cap., li għandu esperjenza fil-missjoni tat-Turkija, tkellem dwar il-ministerjalità fil-Knisja. Għat-tielet jum kienu mistiedna l-membri tal-Kumitat Liturġiku flimkien ma' dawk kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-liturġija. Fr. Jesmond Manicaro, studjuż fil-qasam liturġiku, tkellem dwar il-ministeri marbuta mal-Liturġija.



### *CD bil-kant ta' Kristu Re*




Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ għadha kemm ħarġet għall-ewwel darba CD bil-kant li ser jintuża għall-festa ta' Kristu Re ta' din is-sena. Din hi l-għaxar darba li l-Kummissjoni qed toħroġ sett ta' innijiet akkumpanjati bil-mużika biex iservu mhux biss għal-laqgħat ta' talb djoċesani imma wkoll fil-parroċċi u l-knejjes. Min jixtieq jakkwista kopja ta' dan is-CD jista' jikkuntattja l-Uffiċċju tal-Kummissjoni (Tel. 21565638) jew lill-parroċċi. Is-CD's jinbiegħu bil-prezz ta' Lm4. L-innijiet huma rekordjati wkoll fuq *cassettes* li jinbiegħu bil-prezz ta' Lm2.



# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## Jum il-Vitorja



Għawdex fakkar dan il-Jum Nazzjonali nhar il-Ġimgħa 7 ta' Settembru fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Il-Banda tal-Pulizija mxiet minn Pjazza Savina għal Pjazza Indipendenza. Hawnhekk membri tal-Forzi Armati ġew skjerati quddiem il-Monument ta' Kristu Re. Wara l-wasla tal-Ministru għal Għawdex, il-Banda tal-Pulizija daqqet siltiet mużikali segwiti minn qari ta' poeżija ta' l-okkażjoni u t-tqegħid ta' kuruni mill-mistednin preżenti. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Profs. Maurice Cauchi. Iċ-ċerimonja ntemmet b'marċ mill-Banda tal-Pulizija tul triq ir-Repubblika.

## Ftuħ tal-Ġnien ta' Kenuna



Is-Sibt 15 ta' Settembru fin-Nadur saret ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-Ġnien ta' Kenuna. Iċ-ċerimonja fetħet b'daqq ta' marċi mill-Banda Mnarja matul Triq it-Telegrafu u Triq it-Torri ta' Kenuna. Imbagħad saru diskorsi qosra minn Ruben Curmi, President tal-Għaqda Riħan, Dr. Chris Said Sindku tal-lokalita' u Maurice Zarb Adami, Chairman tal-Maltacom plc. Il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-ġnien sar mis-Sindku u miċ-Chairman tal-Maltacom. Tbierek mill-arċipriet Mons. Salv Muscat. Ittellgħet varjeta` bis-sehem tal-*Chorus Urbanus* u *Flamenco Dance Troupe-El Fuego*. Kien hemm ukoll logħob tan-nar u *laser show* fuq it-Torri ta' Kenuna.

## Il-Kunsilli Lokali jiffirmaw ftehim



Il-Ħamis 27 ta' Settembru l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma ffirmat ftehim ma' l-erbatax-il Kunsill Lokali ta' Għawdex għar-*reinstatement* tat-toroq. Hekk il-Kunsilli Lokali jaħdmu mill-qrib mal-WSC wara li jkun sar xogħol ta' bdil ta' mejnijiet ta' l-ilma. Preżenti għall-iffirmar tal-ftehim li sar fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, kien hemm il-Ministru Giovanna Debono u l-Inġinier Alex Rizzo (*Manager Gozo Branch WSC*), l-Inġinier Antoine Riolo (*Chief Executive WSC*), il-Perit Michael Falzon (*Chairman WSC*) u Victor Rizzo (Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali).

## *Variety, yet all Abstract*

Dan kien it-titlu ta' l-ewwel esebizzjoni li tella' l-artist Michael Xuereb is-Sibt 29 ta' Settembru. L-esebizzjoni kienet waħda ta' arti moderna. Esebixxa sbatax-il pittura astratta fis-sala tal-Banka Ġuratale, Pjazza Indipendenza, Victoria. L-esebizzjoni ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex. Il-pitturi li ġew ippreżentati kienu ta' medja varjata.





## *Aktar minn elf ktieb*

Fit-28 ta' Settembru ġew ippreżentati iktar minn elf ktieb ġdid għal-libreriji ta' Għawdex. Dawn il-kotba ġodda jvarjaw minn dawk immirati għall-istudenti ta' l-iskejjel Primarji, Sekondarji u oħrajn. Minbarra kotba għat-tfal, il-Libreriji Pubbliċi nedew kotba akkademiċi kif ukoll rumanzi immirati għall-pubbliku in ġenerali. B'dan l-akkwist ta' aktar kotba, il-kollezzjoni tal-Libreriji Pubbliċi ta' Għawdex kompliet tistagħna b'kotba varji, neċessarji u bżonnjużi għall-istudenti u poplu Għawdxi. Għaċ-ċerimonja kien hemm preżenti fost l-oħrajn il-Ministru għal Għawdex u s-sur George Borg, uffiċjal inkarigat mil-Libreriji Pubbliċi ta' Għawdex flimkien ma' l-istaff tal-Libreriji.

## *Żjara f'Ruma*

F'nofs Settembru, il-Grupp Folkloristiku Aurora kien mistieden mill-Ambaxxatur Malti għall-Italja Dr. Joe Cassar biex jagħti wirjiet ta' żfin folkloristiku f'Ruma. Dan sar fl-okkażjoni tal-festa nazzjonali ta' l-Indipendenza ta' Malta li ġiet iċċelebrata fl-Ambaxxata Maltija f'Ruma. Il-grupp ta' daqqaqa u żeffiena ħalla Malta fis-sbatax ta' Settembru u rritorna lura fil-wieħed u għoxrin ta' l-istess xahar. F'Ruma, il-grupp ta wirjiet fi *Piazza di Spagna* u fi *Piazza San Lorenzo in Lucina*. Il-membri kellhom ukoll laqgħa mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fi Pjazza San Pietru.





## *Jum l-Għasri*

Fl-okkażjoni ta' Jum l-Għasri li ġie ċċelebrat l-ewwel darba din is-sena il-Ġimgħa 28 ta' Settembru, il-Kunsill Lokali organizza diversi attivitajiet. Fi Pjazza Salvatur, il-Ministru għal Għawdex kixfet lapida biex tfakkar dan l-avveniment. Saru wkoll diskorsi ta' l-okkażjoni, waqt li s-Sindku Ms. Carmen Grech, tellgħet il-bandiera tal-lokalita`. Wara l-Għaqda Drammatika tat bidu għal preżentazzjoni fuq palk li twaqqaf apposta quddiem iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. L-istorja kienet titratta dwar il-firda li kienet teżisti fl-Għasri fl-antik fuq kitba ta' Toni Calleja u li ġiet drammatizzata u addattata minn Toni Mizzi bl-isem ta' *Meta Saltnet il-Paċi*.

## Il-Qala u Salina: Rabta ta' Ħbiberija

Bejn il-Ħamis 20 ta' Settembru u t-Tnejn 24 ta' Settembru grupp ta' 135 persuna akkumpanjaw lill-Kunsill Lokali tal-Qala sabiex ikunu xhieda ta' ftehim ta' ġemellaġġ bejn l-istess Kunsill Lokali u t-tliet *Comune* li hemm fuq il-gżira ta' Salina. Fil-grupp kien hemm is-Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsilliera, l-Arċipriet Dun Karm Refalo u l-Viċi Arċipriet Mons. Ġużeppi Buttigieg li kkonċelebraw kuljum fil-knejjes tal-gżira. Il-konċelebrazzjoni prinċipali saret il-Ġimgħa 21 ta' Settembru u kienet immexxija mill-Vigarju Episkopali Dun Alfredo Adornato. Takkumpanja lill-Kunsill Lokali kien hemm ukoll il-banda *Ite ad Joseph* li daqqet f'diversi okkażjonijiet u tat kunċert ukoll. Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet saru l-Ħadd it-23 ta' Settembru fejn saret iċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ f'Santa Marina.

## Seminar Informattiv mill-GAVI



Il-Ħamis 4 ta' Ottubru l-Għaqda GAVI (*Gozo Aid for the Visually Impaired*) organizzat *seminar* bit-tema *"L-Edukazzjoni għall-Għomja, Dritt u Dmir"* f'lukanda ewlenija. Fetħet is-*seminar* il-Ministru għal Għawdex. Diversi suġġetti diskussi kienu d-dritt ta' l-għomja għal edukazzjoni xierqa, il-kurrikulu nazzjonali, it-tagħlim tal-*braille*, in-nuqqas ta' vista u diżabilitajiet oħra u l-*computer* u l-*internet*. Is-*seminar* ġie konkluż minn Joe Camilleri, *Chairman* tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' u minn Ms. Emily Muscat President tal-GAVI. Il-laqgħa tmexxiet minn Ms. Frances Cefai. Attendew fost l-oħrajn l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni f'Għawdex, is-*Shadow Minister* għall-edukazzjoni s-Sur Evarist Bartolo, kapijiet ta' skejjel u oħrajn minn Għaqdiet Volontarji Għawdxin kif ukoll xi kapijiet minn Dipartimenti tal-Gvern.

## "Insaħħu Pajjiżna"

Il-Ministru għal Għawdex preżentat rapport ta' ħidma ta' din it-tielet sena fil-leġislatura waqt konferenza ta' l-aħbarijiet fil-Ministeru għal Għawdex. Tkellmet fost l-oħrajn dwar il-qasam ta' l-Edukazzjoni, dak tas-saħħa, it-turiżmu f'Għawdex, il-qasam tal-Kultura, l-isport, ix-xogħol infrastrutturali li twettaq, il-problema ta' l-ipparkjar f'Għawdex u l-ambjent.

## Jum l-Anzjani



Fl-okkażjoni ta' dan il-jum, il-Ministru għal Għawdex għamlet żjara lill-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-Ministru tkellmet dwar diversi aspetti relatati mal-ħajja ta' l-anzjani u l-ħidma li qegħda ssir b'risq dawn il-persuni.

### *Iktar ħidma favur l-anzjani*

Tfal li attendew "Skolasajf" matul is-Sajf f'Awissu li għadda, żaru diversi anzjani fi djarhom kif ukoll fid-*Day Centre* f'Għajnsielem. Din l-attivita` seħħet bħala parti minn kampanja edukattiva dwar ir-rwol u l-istil ta' ħajja ta' l-anzjani Għawdxin u ġiet organizzata mill-kumitat tat-tmexxija taċ-Ċentru ta' matul il-jum ta' Għajnsielem flimkien ma' dak tas-servizz tal-*Meals on Wheels*. Din il-kampanja kellha l-għan li tqarreb lit-tfal lejn l-anzjani tagħna.

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 99

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2001

# IL-PONT FUQ IL-FOSS TAĊ-ĊITTADELLA

Id-disgħa u disgħin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-ispiża li saret minħabba l-armar għat-tiswija u l-bdil ta' parti mill-pont fuq il-foss taċ-Ċittadella. Il-ħlas jinsab reġistrat taħt id-data tal-30 ta' Novembru, 1701, fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701-1702), folju 22r (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 22r).

Din hi transkrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħlas:

**A Mastro Simone Cassar e suo figlio ed a quattro huomini scudo uno, tarì sei, e grani dieci, cioè scudo uno e grani dieci a detto Mastro Simone e suo figlio per due giornate e mezza di travaglio, e tarì sei a quattro huomini chi han travagliato in disarmare il Ponte del Castello, l'ultimo detto.**

Il-pont li jissemma f'dan id-dokument kien igħaqqad it-Telgħa tal-Belt mar-rampa li kienet twassal sa Bieb il-Belt jew iċ-Ċittadella. It-Telgħa tal-Belt hi dik it-triq li mill-Pjazza tat-Tokk twassal saċ-Ċittadella u din, tliet mit sena wara, għadha magħrufa bl-istess isem.

Ta' min jagħmilha ħaġa ċara li dawramejt maċ-Ċittadella ma kien hemm ebda bini. Il-Kavallieri kellhom liġijiet stretti ħafna kontra l-bini madwar is-swar ta' Malta u Għawdex. Il-bini kollu li hemm taħt il-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella, minn naħiet tat-triq ta' Wara s-Sur, għal triq ir-Repubblika, għal Pjazza Indipendenza, għal triq Adrian Dingli, għal Pjazza Savina, għal triq Sant'Orsla, inbena kollu minn wara l-1800, jiġifieri minn wara li telqu l-Kavallieri u ġew l-Ingliżi. L-unika eċċezzjoni f'din id-dawra kienet il-barrakka f'ras triq it-Tiġrija jew triq ir-Repubblika, li kienet maqtugħa weħidha sa l-aħħar kwart tas-seklu dsatax.

L-Ingliżi fil-bidu wkoll saħqu fuq din il-liġi u wieħed jiltaqa' ma' diversi dokumenti kontra nies li telgħu bini bla permess in-naħħiet li semmejna. Imbagħad l-abbużi żdiedu u l-awtoritajiet bdew jagħlqu għajnejhom. Għalkemm wieħed jiltaqa' ma diversi kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-bini ta' dawn id-djar.

It-Telgħa tal-Belt — kif kienet u għadha magħrufa minn ħafna iċ-Ċittadella ta' Għawdex — kienet tkompli ma' triq it-Tiġrija u tikser lejn iċ-Ċittadella kemmxejn qabel il-kantuniera tat-Telgħa tal-lum. Kienet wieqfa ħafna iktar għax in-naħa ta' fuq tagħha — li kien jiġi sewwa sew fin-nofs bejn ir-Ravellin u l-Bieb tal-Belt — kien jiġi inċin ta' dan il-Bieb.

Bejn it-tarf tal-Telgħa tal-Belt u Bieb il-Belt kien hemm pont li kien jasal taħt il-fortifikazzjonijiet, sewwa sew fejn il-lum hemm il-mina l-kbira ta' Santa Marija. Mal-fortifikazzjoni kien hemm rampa li kienet twassal eżatt sa Bieb il-Belt. Dan kollu jidher f'diversi inċiżżjonijiet qodma taċ-Ċittadella.

Id-dokument tal-lum hu dwar ħlas li sar biex jitneħħa, *in disarmare*, l-armar jew l-impalkatura li kienet saret biex inbena mill-ġdid parti minn dan il-pont — tagħrif li nafuh minn sorsi oħra. It-tneħħija ta' l-armar tħalliet f'idejn Simone Cassar u ibnu u erba' ħaddiema oħra. Ix-xogħol għat-tneħħija ta' dan l-armar dam jumejn u sewa *b'kollox skut, sitt irbiegħi, u għaxar ħabbiet.*






## It-Terroriżmu Iżlamiku

Il-President ta' l-Amerika G. W. Bush qal f'diskors li għamel dan l-aħħar li l-kampanja kontra t-terroriżmu mhix kampanja kontra l-Iżlam. Fil-verità, l-Iżlam hu reliġjon li tippriedka l-imħabba tal-proxxmu u l-għajnuna lejn il-batut u l-fqir.

Però t-terroriżmu qed ikun iffomentat l-aktar minn persuni fundamentalisti, estremisti, u fanatiċi li jipprofessaw ir-reliġjon Iżlamika u lesti li joqtlu nies ċivili u innoċenti f'isem *Allah*. Dan l-aħħar il-fundamentalisti Iżlamiċi kienu qegħdin jerfgħu rashom wisq. Dawn il-fundamentalisti u anke bosta mexxejja tan-nazzjonijiet iżlamiċi jridu li fl-Ewropa u postijiet oħra fejn ir-reliġjon mhix musulmana, huma jibnu moskej u ċentri biex tinxtered il-kultura Iżlamika. Min-naħa tagħhom, imma, huma ma jittolerawx li fil-pajjiżi għarab l-insara, kemm dawk kattoliċi, ortodossi jew protestanti, jitkellmu dwar ir-reliġjon nisranija tagħhom. L-Għarab jikkastigaw lil kull min jagħmel xi attività reliġjuża pubblika li mhix tar-reliġjon musulmana u lil dawk fosthom li jikkonvertu għall-kristjaneżmu.

Aħna hawn Malta aħna soċjetà pluralistika u nħallu fil-libertà lil kulħadd biex jipprattika r-reliġjon li jrid. Lill-Għarab ħallejnihom jiftħu ċ-Ċentri tagħhom u jibnu moskeja tagħhom. Imma meta aħna mmorru pajjiżhom ma jħalluniex nipprattikaw fil-beraħ it-twemmin tagħna.

Tajjeb li aħna l-Maltin u l-Għawdxin, fil-familji tagħna, fl-iskejjel tagħna u fl-għaqdiet tagħna intambru kontra l-mibgħeda li titnissel mill-fundamentaliżmu. Nissensibilizzaw lit-tfal tagħna kontra dan il-flaġell modern tat-terroriżmu fanatiku, mhux b'disprezz lejn l-Għarab jew ir-reliġjon Iżlamika imma b'insistenza fuq it-tagħlim tal-Vanġelu ta' Kristu dwar il-maħfra, l-imħabba lejn l-għedewwa, it-tolleranza u l-paċi fost il-ġnus minkejja d-differenza fit-twemmin u fil-kultura.

## Is-Sigurta f'Pajjiżna

Wara li deher il-programm televisiv *Bondicini,* programm li ttratta dwar in-nuqqas ta' sigurtà f'diversi postijiet sensittivi ta' Malta, bosta kienu n-nies u anke l-*media* li kkumentaw dwar il-laxkezza enormi fil-għassa u l-ħarsien ta' dawn il-postijiet. U l-postijiet li ssemmew kienu tabilħaqq "sensittivi" fosthom "il-*power station*", it-torri tal-kontroll ta' l-ajruport ta' Malta, it-tempju ta' Ħaġar Qim u saħansitra l-istess kwartieri ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta. Fil-programm televisiv rajna lis-Sur Bondi jpoġġi bomba-finta, bomba li kieku kienet vera kienet tagħmel "ħoss" kbir u fit-tul, għallinqas fil-*media* tan-nazzjon Malti.

Din il-bomba finta fakkritni fil-bomba li mas-sentejn ilu tpoġġiet mal-bieb il-kbir tal-Knisja Kattidrali t'Għawdex. Din il-bomba meta splodiet m'għamlitx ħafna ħsara, imma serviet ftit ta' ġid ukoll. Il-Kapitlu tal-Kattidral flimkien mal-Kunsill Ammistrattiv tal-istess parroċċa ħassew il-bżonn li jagħmlu għassa aktar stretta ma' dan il-maqdes storiku. Illum il-ġurnata numru konsiderevoli ta' CCTV's (*close circuit television cameras*) qegħdin igħassu f'kull sekonda tal-jum u tal-lejl kemm l-intern kif ukoll l-estern tal-Kattidral. B'riħet dawn il-*cameras* mhux biss il-Kattidral u l-mużew tiegħu jinsabu mgħassin imma anke l-pjazza tal-Kattidral u xi toroq mal-ġnub tal-Katidral. Id-ditta li nstallat dan l-apparat timmonitorja l-ħin kollu x'ikun għaddej fil-*field of vision* tal-*cameras*. Dak li jidher fuq il-*monitors* jiġi rrekordjat ukoll il-ħin kollu.

Il-mistoqsija li nagħmel hi din. Jekk entità mhix governattiva u lanqas parastatali ħasset il-bżonn li tuża l-CCTV biex issaħħaħ is-sigurtà ta' knisja, għaliex ma jsirx hekk fil-Ġgantija u postijiet oħra ta' interess u sensittivita` f'Malta u Għawdex? Żgur li ebda *watchman* ma jista jkun kostantement għassa daqs il-*cameras* tac-*CCTV*! Aktar u aktar meta hawn l-għidut, kif semma Asterisk fil-*Ġens* tas-Sibt 29 ta' Settembru 2001, li ħafna mill-għassiesa jkunu reqdin x'imkien ieħor bil-paga għaddejja! X'sens ta' responsabilità, hux!!!

## *Car Park* oħra fir-Rabat. L-Ewwel Pass

Issa li l-Knisja Kattidrali akkwistat biċċa art taħt il-Bastjun ta' San Martin (uffiċċjalment imsejjħa Tenement 268) nisperaw li l-ħsieb li għandhom il-Kapitlu u l-Kunsill Amministrattiv tal-parroċċa tal-Kattidral, li jsir parkeġġ, jitwettaq mingħajr telf ta' żmien. Dan il-parkeġġ ikun jibbenefika lill-poplu kollu ta' Għawdex u anke lil dawk il-ħafna viżitaturi li jżuru c-Ċittadella, imma l-aktar lil dawk il-persuni li jattendu għas-servizzi liturġiċi fil-Kattidral ta' Għawdex.

Dwar din il-biċċa art ħarġu żewġ stqarrijiet, waħda mill-Ministeru għall-Intern u l-oħra mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Kattidral. Iż-żewġ stqarrijiet għamluha ċara li l-akkwist ta' Tenement 268 bl-ebda mod ma kien donazzjoni lill-Parroċċa tal-Kattidral, imma kien bdil (*exchange*) ma' biċċa art oħra magħrufa bħala "tal-Ġonna" li kienet propjetà tal-Knisja f'Għawdex. Il-Knisja Kattidrali kienet xtrat l-art Tal-Ġonna mingħand il-parroċċa ta' l-Għarb. Issa din l-art ġiet mgħoddija lill-Gvern.

Wara li l-Kapitlu tal-Kattidral flimkien mal-Kunsill Ammistrattiv tal-Parroċċa tal-Kattidral irnexxielhom jakkwistaw l-art taħt il-Bastjun ta' San Martin, nisperaw li fl-anqas żmien possibbli joħorġu il-permessi meħtieġa biex il-*car park* isir. Nittama li ma jibdewx joħolqu problemi fuq problemi kif ġieli qed jiġri f'sitwazzjonijiet simili.

## Aktar Enerġija għal Għawdex

Aħbar ta' ferħ għall-Għawdxin kollha kienet dik li smajna fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru. L-*Enemalta* bl-insistenza tal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, poġġiet *cable* ġdid u modern bejn Malta u Għawdex biex permezz tiegħu tissuplixxi aktar enerġija elettrika lill-gżira tagħna. Għidt *cable* modern għax dan mhux *cable* kif soltu nafuh aħna, numru ta' wires magħluqin ġo *sheeting cover* wieħed. Imma dan il-*cable* jinkorpora fih ukoll numru ta' *fibre optic cores* li jintużaw għall-komunikazzjoni.

It-tqegħid ta' dan il-*cable* ġie esegwit mid-ditta taljana *Pirelli Cavi e Sistemi SpA* u l-proġett ġie jiswa Lm2,300,000. Il-*cable* tpoġġa bejn il-Marfa u Kemmuna, minn tarf s'ieħor ta' Kemmuna, u minn Kemmuna sal-Qala. B'kollox tpoġġew 8.4 kilometri ta' *cable*, 4 kilometri fil-baħar u 4.4 kilometri fuq l-art. Issa bejn Malta u Għawdex għandna tliet settijiet ta' *cables* ta 33kv li tqegħdu fis-snin 1981, 1987 u dan li tpoġġa f'Settembru ta' din is-sena.

Waqt li f'isem l-Għawdxin nirringrazzja lill-*Enemalta* u lil dawk kollha involuti f'dan il-proġett modern u effiċċjenti tal-komunikazzjoni elettrika, ta' min jistaqsi lill-korporazzjonijiet oħra bħal *Maltacom, Melita Cable* u l-istess *Enemalta*: Kemm se ndumu b'din il-konfużjoni babilonika ta' *wires* ta' kull xorta



jixxebilku mad-djar fuq iż-żewġ naħat u jaqsmu bl-addoċċ it-toroq tagħna? Spiċċajna b'toroq qishom xibka sħiħa ta' *wires*. "*Eye sore*" u periklu kontinwu!

## Tifħir lil min ħaqqu

L-Għaqda li ġġib l-isem ta' "*Il-Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex*" ħaqqha prosit tassew għall-ħidma kbira tagħha. Ara x'għamlu dawn il-"*Ħbieb*" matul is-sena 2000:

* qassmu 5716 "platt sħun" ta' ikel;
* nefqu is-somma ta 'l fuq minn Lm1200 f'servizz ta' mtieraħ speċjali;
* organizzaw żjajjar lill-morda u lill-anzjani fl-isptarijiet kull nhar t'Erbgħa;
* organizzaw ħarġiet għall-anzjani mill-isptar kif ukoll mid-djar;
* organizzaw erba' "*Car Boot Sales*";
* organizzaw kors fl-artiġjanat għal dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani.

Mill-ġdid prosit. Jew aħjar: *"Ta' min jimitahom"*!

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# Il-Mewt fil-Komunita` Nisranija

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA
**LILL-ARĊIPRIETI TAL-PARROĊĊI**
**TAX-XAGĦRA, TAL-QALA U TAX-XEWKIJA**
*DWAR IL-PASTORALI MARBUTA MAL-FUNERALI.*

## ARĊIPRIET EWKARISTIKU SULTANA

1. ***Waħda mill-esperjenzi qawwija fil-ħajja tan-nisrani hi t-telfa ta' xi ħadd għażiż bil-mewt. Kif jista' kappillan jgħin lill-familjari li jgħaddu minn dawn il-mumenti diffiċli?***

Jista' jkun hemm żewġ każijiet ta' telfa ta' xi ħadd għażiż: l-ewwel meta persuna tmut fi xjuħitha jew wara marda twila, u t-tieni meta titlef persuna ta' malajr u l-iktar meta l-persuna tkun ta' età żgħira.

Fl-ewwel każ aktarx li l-kappillan ikun għamel mixja ta' fidi u sapport tul ċertu żmien, u dan ikun ta' preparazzjoni remota utli ħafna. Dan iwassal ukoll biex fil-waqt tat-telfa, il-kappillan ikun l-animatur aċċettat u kunfidenti. Aktarx li l-familjari tant isiru midħla tiegħu tul iż-żmien tal-marda li jsibuh anġlu ta' konfort u qawwa f'dak il-mument diffiċli tal-mewt.

Fit-tieni każ, meta m'hemmx preparazzjoni remota, il-kappillan għandu jidħol immedjatament, avolja f'dik il-konfużjoni u fl-emozzjoni tal-mument. Imbagħad, bi kliem sempliċi, jipprova jfarraġ xi ftit. Ħafna drabi jeħtieġ juża ħafna s-skiet, filwaqt li jħalli lil kull persuna fil-qrib tesprimi ruħha anke bil-biki, bir-rabja, u kultant bi kliem daqsxejn iebes fil-konfront t'Alla u l-fidi tagħna. Dan kollu x'aktarx jgħin biex is-sitwazzjoni tikkalma. Ħafna drabi f'dawn il-mumenti ma jkunx il-lok li titkellem dwar Alla jew dwar affarijiet oħra.

L-insara jieħdu pjaċir ħafna bil-preżenza tal-kappillan. Għalkemm konxji li ma jistax jagħmel wisq, imma jħossu is-sapport tiegħu utli, speċjalment jekk ikun hemm ħtieġa li jwassal l-aħbar ħażina lil xi qraba, ħbieb jew lill-emigranti. Iħossuh anġlu x'ħin jieħu fuqu xi responsabilità tal-mument bħal arranġament għall-funeral u ħtiġijiet oħra li ħafna drabi ma jkunu għamlu qatt. Jistennew ukoll li s-saċerdot jifhem is-sitwazzjoni mingħajr ma jkun artifiċjali. Importanti ukoll it-talb li jagħmel is-saċerdot għall-mejjet u għall-qraba tiegħu f'dawn il-mumenti. Fejn jinserta jkun hemm xi romol żgħar hu mportanti li jibqa' jinteressa ruħu fil-ħtiġijiet tagħhom tal-ħajja b'kull xorta ta' sapport u għajnuna. Fejn hemm it-tfal, imbagħad, is-saċerdot irid joqgħod attent biex joħloq komunikazzjoni magħhom bi kliem sempliċi, waqt li jutilizża ċerta psikoloġija li dak il-ħin la l-ġenituri u lanqas il-familjari ma tiġihom f'rashom.



2. *X'għandu jiġi nkuraġġit u promoss fl-organizzazzjoni ta' funeral? X'għandu jiġi evitat? Fil-parroċċa tiegħek ġieli jsiru xi inizjattivi ta' għajnuna lil xi enti tad-djoċesi fil-quddiesa tal-funeral? Kif jiġu milqugħa mill-ġemgħa?*

L-ewwelnett il-funeral għandu jkun sinjal ta' fidi mhux wirja. It-tieni: il-funeral jeħtieġ li jkun dekoruż, kalm u serju, anke fl-imġieba tal-familjari. Jekk wieħed jaħseb li l-emozzjonijiet tal-mument ser ikunu qawwija esaġeratament, wieħed għandu jinkuraġġixxi l-assenza, jew is-sehem f'parti biss mill-funeral, per eżempju, fil-knisja biss.

Għandu jkun evitat il-ħafna lussu ta' tebut jew fjuri bla qies li jistgħu joħolqu konfużjoni dwar min se jġorrhom u fejn ser jitpoġġew fil-knisja. Aħjar jiżżejjen l-artal minflok dawk il-ħafna bukketti. Tajjeb li min-naħa ta' l-organizzazzjoni ma jkunx hemm għaġġla fil-liturġija, nuqqas ta' preparazzjoni għall-qari tal-lezzjonijiet, jew inkella għażla ta' persuni li qatt ma qraw il-kelma t'Alla fil-knisja.

L-omelija trid tikkonċentra fuq il-Kelma t'Alla bi ftit rabta mal-ħajja tal-mejjet, żgur però mhux paniġierku. Wieħed irid jieħu l-okkażjoni biex nenżaltaw il-ħajja tajba u l-mument tal-mewt lil min qed jisma'. Il-kant għandu jkun popolari, ċioè li tieħu sehem il-miġemgħa. Għalhekk għandu jkun evitat l-użu tal-mużika u korijiet li ħafna drabi ma jinkludux il-parteċipazzjoni tal-poplu. Huwa mportanti li l-funerali jkunu fuq l-istess għamla u użanza tal-post b'mod li ma tintwera l-ebda differenza bejn is-sinjur u l-fqir.



Fl-okkażjoni tal-funerali jeħtieġ li tingħata mportanza lis-sagrament tal-qrar. Jistgħu jkunu wkoll mumenti ta' konverżjoni.

Fil-funerali li jsiru fil-parroċċa tagħna għandna l-użanza ta' "ġabra speċjali" li nħolqot bil-għan li nagħmlu karità parrokkjali. Ħafna drabi l-familjari jitolbu li din il-ġabra tkun indirizzata lis-Seminarju, lill-Missjonijiet anke partikolari, lid-Dar tal-Providenza, jew lil xi

għaqda filantropika oħra. Dan l-aħħar, peress li qed issir manutenżjoni urġenti fl-istruttura tal-knisja parrokkjali, ċerti familji indirizzaw il-ġabra tal-funeral għal dan l-iskop. Naħseb li l-għotjiet tal-karità minflok ħafna fjuri, jagħmlu aktar sens.

L-aħħar punt: huwa nkorraġġanti l-fatt li l-kappillan ikun dejjem preżenti għal kull funeral, u li s-saċerdoti tal-parroċċa kollha jħossu li għandhom isellmu lill-persuna mejta bis-sehem fil-konċelebrazzjoni.

## ARĊIPRIET CARMELO REFALO

3. ***Dan l-aħħar f'diversi parroċċi Għawdxin saru estensjonijiet taċ-ċimiterji. In-nies tagħna għadha tgħożż it-tifkira ta' l-għeżież mejtin tagħna. Kif tħares lejn dawn l-użanzi?***

It-tifkira tal-mejtin u r-rispett lejhom hi xhieda ta' tama nisranija fil-ħajja li għad trid tiġi "fl-art tal-ħajjin". Dawn l-użanzi juru:

* Id-dfin tal-mejtin hu wieħed mil-għemejjel tal-ħniena (1Tob.16, 18). Hu ġieħ mogħti lill-ulied ta' Alla bħala tempji ta' l-Ispirtu s-Santu.
* Il-Knisja ta' l-insara li għadhom f'din id-dinja hija u tagħraf sewwa l-għaqda li hemm fi ħdan il-Ġisem Mistiku ta' Kristu sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja sal-lum, iżżomm b'għożża u tjieba kbira t-tifkira tal-mejtin.
* Jintwera rispett u mħabba lejn il-ġisem mejjet bil-fidi u t-tama tal-qawmien mill-imwiet.

4. ***Xi kwalità ta' pastorali saċerdoti u lajċi jistgħu jwettqu ma' dawk li jkunu għaddejjin minn mument ta' luttu fil-familja? Ġie li ħadtu xi inizjattivi fl-parroċċa tagħkom f'dan ir-rigward?***

Il-Knisja, permezz tas-saċerdot, hi ħafna qrib il-poplu partikularment f'mumenti ta' luttu fit-telfa ta' xi persuna għażiża. Minħabba dimensjoni favorevoli tal-komunitajiet partikulari Għawdxin, f'dawn l-okkażjonijiet għadek ssib ħafna sapport u għajnuna tal-familji lejn xulxin fil-mewt ta' xi ħadd għażiż. Jista' jiġri li l-ħajja mgħaġġla u s-soċjetà li qed tinbidel jirrendu l-komunitajiet tagħna fi stil individwalista u f'rittmu aktar mgħaġġel, u allura jinħass aktar il-bżonn ta' *bereavment ministry*, Dan il-ministeru tal-faraġ jitlob li lajċi impenjati, mgħejjuna mis-saċerdot, iwettqu ħidma ta' faraġ fost familjari li ġarrbu xi telfa ta' xi ħadd għażiż. Dawn il-lajċi għandhom ikunu ppreparati moralment, umanament, u fuq kollox spiritwalment, biex iwettqu dan il-ministeru utli fi ħdan il-komunità parrokkjali.





## ARĊIPRIET CARMELO MERCIECA

*5. Waħda mid-drawwiet li l-insara tagħna jgħożżu, hi ċ-ċelebrazzjoni tal-quddies b'suffraġju lill-mejtin. Dan isir kemm fil-funeral tagħhom u kemm fl-anniversarji tal-mewt. Xi tgħid dwar dan?*

Din tassew hi drawwa qaddisa. U dan bil-provi:

**A. MILL-KONĊILJU VATIKAN II**

Il-Konċilju Vatikan II jfakkarna li x Xirka tal-Qaddisin hija ffurmata

1) mill-ħajjin li għadhom f'din id-dinja,
2) mill-qaddisin li hemm fis-Sema, u
3) mill-erwieħ li qed jissaffew mit-tinġis tad-dinja.

Ikompli jfakkar li dawk li huma f'din id-dinja għandhom joffru suffraġji għall-mejtin (*Lumen Gentium, Nru. 49,50*).

**B. MILL-BIBBJA**

Id-drawwa ta' talb għall-mejtin għandha fundament bibliku. Fit-Tieni Ktieb tal-Makkabin insibu: "*Ġuda l-Makkabew għamel ġabra bejn in-nies tiegħu u bagħat Ġerusalemm elfejn dramma tal-fidda biex isir sagrifiċċju tal-purifikazzjoni; għamel* ***ħaġa sabiħa u sewwa*** *billi ħaseb fil-qawmien mill-imwiet.........*" (*2 Makk 12,46*).

**C. MILL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA**

Numru 1038: "Sa mill-ewwel żminijiet, il-Knisja tat ġieħ lit-tifkira tal-mejtin u offriet sagrifiċċji għalihom b'mod partikulari s-Sagrifiċċju Ewkaristiku."

**D. L-EŻEMPJU TAL-QADDISIN**

Il-Katekiżmu jfakkarna fil-kliem ta' Santa Monika lil binha Santu Wistin: "*Idfnu dan il-ġisem, xi mkien fejn ikun, tħabblux raskom bih. Ħaġa waħda nitlobkom, tkunu fejn tkunu, ftakru fija fuq l-artal tal-Mulej*" (*Katekiżmu, Nru. 1371*).





*6. Wieħed mill-mumenti l-aktar mistennija fil-quddiesa tal-funeral hija l-omelija. Kif tista' l-omelija tal-funeral issir mument ta' katekeżi għan-nisrani?*

Il-Konċilju, fil-Kostituzzjoni tal-Liturġija, Nru. 81, jixtieq li r-Rit tal-Funeral jesprimi "il-KARATTRU PASKWALI tal-Mewt Nisranija". Fi kliem sempliċi, IL-MEWT HI L-GĦID TAN-NISRANI....

Għalhekk fl-Omelija għandna nagħtu:

**A. MESSAĠĠ TA' TAMA**

Min-naħa l-waħda, il-mewt hi ferita fil-qalb tal-familjari. Hi mument tqil u mdallam. Iżda, Kristu jitfa' dawl ġdid fuq il-mewt.

a) Il-mewt mhix it-tmiem, mhix qerda.

b) Kristu, bil-mewt tiegħu, rebaħ il-mewt, għalih u għalina. Għalhekk il-mewt hija mogħdija u bidu ta' ħajja oħra, ferm isbaħ minn ta' din id-dinja.

**B. LEZZJONI GĦALL-ĦAJJA**

Fil-funeral, is-saċerdot ma jkellimx lill-mejjet, iżda lill-ħajjin. Għalhekk l-omelija hija mezz ta' evanġelizzazzjoni. Is-saċerdot hu katekist li jgħallem lill-insara kif ilkoll jimpenjaw ruħhom f'ħajja aktar skond l-ispirtu tal-Vanġelu. Dwar dan il-punt, iċ-ċelebrant irid jevita żewġ estremi:

a) Min-naħa l-waħda, l-omelija ma ssirx eloġju tal-mejjet. Ir-Rit tal-Funeral espressament jevita dan.

b) Iżda, min-naħa l-oħra, lanqas irid jibqa' fl-astratt, mingħajr ebda referenza għall-persuna mejta. (*Ara Preaching the Funeral Homily, ta' Rev. R. C. Sonefeld, paġ. 9*).

L-enfasi mhix li nfaħħru lill-mejjet. Iżda **nfaħħru lil Alla** għad-doni li ta lill-persuna mejta u tal-ġid li setgħet għamlet f'ħajjitha. U minnha nieħdu spunti biex aħna li għadna ħajjin inwettqu l-impenji tagħna bħala nsara.

Inħeġġeġ lill-insara biex japprofittaw irwieħhom minn din il-katekeżi fl-omelija tal-funeral.

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

*F'Settembru ltaqa' s-Sinodu ta' l-Isqfijiet, li ddiskuta t-tema*
***"L-Isqof għas-Servizz tal-Vanġelu ta' Ġesù Kristu għat-TAMA TAD-DINJA".***
*Għal dan is-Sinodu attenda Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, li rrappreżenta l-Konferenza Episkopali Maltija.*

# Il-Missjoni ta' l-Isqof

## fi kliem il-Papa Ġwanni Pawlu II



### RAGĦAJ

Il-Konċilju juri li l-mudell ta' l-Isqof huwa r-RAGĦAJ. Fl-isem ta' Kristu, l-Isqof jeserċita din il-missjoni billi

- ***jgħallem***
- ***iqaddes***
- ***u jmexxi lill-poplu ta' Alla.***

*Udjenza Ġenerali, 13 ta' Novembru 2000.*

### L-EWWEL EVANĠELIZZATUR

L-Isqof huwa MGĦALLEM tal-Verità. Fil-Knisja, li hi kollha kemm hi għas-servizz tal-Kelma, l-Isqof huwa

- ***l-ewwel evanġelizzatur***
- ***l-ewwel katekist.***

*Lill-Isqfijiet ta' l-Amerika Latina, 2 ta' Lulju 1986.*

### B'AWTORITÀ

Huwa dmir ta' l-Isqof li fil-Knisja partikulari (fid-djoċesi)

- ***iħares***
- ***jinterpreta l-Kelma ta' Alla***
- ***jiġġudika b'awtorità*** dak li jaqbel jew dak li ma jaqbilx mal-Kelma ta' Alla.

*Lill-Isqfijiet tal-Filippini, 5 ta' Ottubru 1996.*

### INĦARSU L-FIDI

Aħna l-Isqfijiet irridu

- ***niddefendu l-Verità***
- u ***nħarsu d-depożitu tal-verità divina fdata lill-Knisja*** speċjalment quddiem l-isfidi
  a) tal-kultura materjalista
  b) u tal-mentalità permessiva.

*Lill-Isqfijiet tal-Filippini 5 ta' Ottubru 1996.*

### XANDÂR TAL-VERITÀ

Aħna l-Isqfijiet mhux biss għandna NĦARSU L-VERITÀ. AĦNA GĦANDNA WKOLL

- ***inxandru l-verità*** fi żmienha u barra minn żmienha.
- ***niċċelebraw il-verità*** fis-Sagramenti.
- ***ngħixu l-verità*** fil-karità u fil-qadi.
- ***nagħtu xhieda pubblika*** tal-Verità li hu KRISTU.

*(Ġewwa Baltimore USA)*
*Osservatore Romano, 11 ta' Ottubru 1995.*

### GĦASSIESA TAL-FIDI

Bħala Għassiesa tajbin (Atti 2,42) aħna l-Isqfijiet għandna d-dmir li

- ***nikkonservaw*** (inħarsu)
- ***infissru***
- ***inxerrdu l-wirt tal-Fidi*** (Verbum Dei, No. 10).

Aħna nafu kemm hu diffiċli li nkunu

- ***għassiesa attenti u***
- ***xandàra ħabrieka tal-Vanġelu.***

*(Lill-Isqfijiet ta' Western Canada)*
*Osservatore Romano, 22 ta' Settembru 1993.*



## SINJAL TA' GĦAQDA

Kull Isqof - kif tgħid il-*Lumen Gentium* - huwa **SINJAL VISIBBLI U DEJJIEMI TA' L-GĦAQDA FIL-KNISJA PARTIKULARI** (fid-djoċesijiet).

*Lill-Isqfijiet Spanjoli, 21 ta' Ottubru 1982.*



# *L-Imġieba ta' l-Insara lejn l-Isqof*



## RABTA MA' L-ISQOF

***L-insara għandhom ikunu magħqudin ma' l-Isqof tagħhom,*** daqskemm il-Knisja hi magħquda ma' Kristu.

*Lumen Gentium, No. 7.*



## ARMONIJA MA' L-ISQOF

"Il-Papa jikkwota lil San Injazju ta' Antjokja, li qal: ***'Qisu li tagħmlu kollox f'armonija ma' l-Isqof*** li qed jieħu post Kristu'."

*Il-Papa lill-Isqfijiet ta' Franza, 7 ta' Frar 1992.*



## UBBIDJENZA

L-Isqfijiet għandhom jiġu milqugħin u rispettati fl-awtorità tagħhom u fil-qadi pastorali tagħhom.

*Il-Papa fil-Kattidral ta' S. Mertogenbosci, Olanda, 11 ta' Mejju 1985.*



Ġejja x-xitwa...!
**GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR?**
TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX! ...ĦALLI F'IDEJN
**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 21557694 - Mob: 9946 9102

**JOE CREMONA**
**Mechanic**
*for fast & reliable service*
**Auto Repair, Brakes, Drums & Disk Skiming Electrical & Motor Overhaul**
QALA GOZO
Telephone **21560292**




**TAL-KELBA**
*Building Contractor*
*Crane & Generator Hire*
**Contact:**
**RAYMOND CEFAI**
'RayRita', Triq it-Tempju,
Qala, Gozo.
*Tel.:* **21557847, 21562532**
*Mob.:* **9949 3169**

ST. JOSEPH CAR RENTALS
Car Hire - Taxi Service
*Ta' Pietru* HOLIDAYS
**St. Joseph Street, Qala, Gozo.**
Tel: 21551631 Fax: 21562986
Mob: 9942 6821 / 9949 6821

# *Waslet is-sena 2002!*

## Erġa ġedded l-abbonament tiegħek fir-rivista

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

## Il-leħen ta' l-Għawdxin!!!




- ♦ 10 ħarġiet fis-sena, b'56 paġna
- ♦ Il-ħidma tal-Knisja f'Għawdex
- ♦ Aħbarijiet u ġrajjiet tal-ħajja Għawdxija
- ♦ Kummenti fuq il-ħajja reliġjuża u soċjali
- ♦ Intervisti fuq ġrajjiet u esperjenzi attwali
- ♦ Artikli ta' natura reliġjuża u tagħrif ġenerali
- ♦ Storja u Folklor tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet
- ♦ Sport Għawdxi u Sportivi Għawdxin
- ♦ L-aħjar mod biex tirreklama

Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2002, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew money order ta' Lm 3 jew Lm 5 lill-**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT 111, Għawdex.**

---

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

**Nixtieq** ☐ **Nabbona** ☐ **Inġedded l-Abbonament għas-sena 2002**

☐ **Lm 3 Abbonament Regolari**

☐ **Lm 5 Abbonament Sostenitur** FIRMA______________

# esperjenzi fil-Ġermanja

## INTERVISTA MA' MONS. ANTON BORG



***Dun Anton, nafu li inti nkarigat mill-"exchange programmes" tal-Ġermanja. Dawn kif bdew?***

M'ilux wisq, ħmistax-il saċerdot Għawdxi flimkien ma' l-Isqof Mons. Nikol Cauchi morna ġita kulturali-spiritwali l-Ġermanja, l-Olanda u l-Belġju. Din il-mawra ġiet organiżżata bi ftehim bejn id-Djoċesi t'Għawdex u l-*Akademie Klausenhof*, il-Ġermanja. Din il-ħbiberija bejnietna bħala Djoċesi u l-Akademja ilha mill-1976 meta Mons. Nikol Cauchi kien talab lil xi isqfijiet tal-Konferenza Episkopali Ġermaniża xi għajnuna fil-qasam soċjali għad-djoċesi tiegħu. Dawn l-isqfijiet għenu biex saru l-ewwel kuntatti ma' Dr. Josef Bennemann, id-direttur ta' l-*Akademie Klausenhof*. Dik l-istess sena l-Isqof kien mistieden imur *Klausenhof* u jara x'toffri din l-istituzzjoni kattolika fil-qasam soċjali. Kien hawn li beda l-kuntatt uffiċjali li kien *exchange programme* bejn żgħażagħ kattoliċi ġermaniżi u dawk għawdxin. L-ewwel gruppi ġew f'Marzu tal-1979 u kienu studenti (*social workers*) tal-*Fachochschule* ta' *Munster*. L-ewwel grupp ta' żgħażagħ Għawdxin tela' l-*Akademie Klausenhof* f'Diċembru 1979. Inkarigati minn din il-*youth exchange programme* kien Dr. Toni Murbock f'isem Klausenhof u jiena f'isem id-djoċesi t'Għawdex, u wara tant snin għadna it-tnejn fl-istess kariga.

***Dun Anton, iż-żgħażagħ kienu dejjem parti qawwija minn dik l-exchange. Din is-sena tlajtu l-Ġermanja?***

Minn dik is-sena 1979 sal-lum għaddew 22 sena u niżlu u telgħu xi 25 grupp ta' żgħażagħ Għawdxin u daqshekk ieħor Ġermaniżi. Kull *exchange programme* ikollu suġġett, skop, li jrid jintlaħaq kemm Malta u kemm il-Ġermanja. Studjajna suġġetti attwali ħafna li għal dak iż-żmien kienu ħafna oriġinali: l-ekoloġija u l-effett tal-kimika fuq in-natura, it-turiżmu u l-effett fuq il-ħajja ta' min jirċievi t-turisti, is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, l-inċentivi tal-ħaddiema, is-serjetà fis-sewqan, ix-xorb, id-divertiment taż-żgħażagħ, u l-perikli tad-droga u ta' l-*Aids*. Is-suġġett ta' din is-sena

kien il-"*Vocational Training*" f'Malta u fil-Ġermanja. Barra d-diskussjonijiet konna nżuru postijiet: fabbriki, ċentri, impjanti, eċċ., għax nemmnu li jekk tara proġett, aħjar milli tisma' konferenza. F'kull programm ikun hemm żjarat fi bliet kbar - għall-Maltin żgur li belt tkun importanti - biex naraw l-aspetti storiċi, soċjali u kulturali ta' dik il-belt. Billi *Klausenhof* hu ħdejn il-fruntiera tal-Belġju u l-Olanda dejjem saru żjarat fil-bliet tal-qrib ta' dawn iż-żewġ pajjiżi. Kienu jsiru kuntatti maċ-ċentri taż-żgħażagħ u mal-familji tagħhom kemm f'Għawdex kif ukoll il-Ġermanja.

***Dan is-sajf għamiltu xi novità? X'kienet?***

Din is-sena tellajna grupp ta' ġenituri Għawdxin. Din l-*exchange* saret ma' l-*Adult Education Institute* ta' Wasserburg-Rendern. Id-direttur hu Dr. Kurt Kreiten li qabel ma' sar direttur ġie kemm-il darba Għawdex bħala *leader* tal-gruppi taż-żgħażagħ. Dan kien l-ewwel grupp u s-suġġett kien "*Għandu jkollna ħin għalina bħala koppja?*". Il-programm kien jikkonsisti f'laqgħat u diskussjonijiet bejnietna u ma' gruppi oħrajn li kienu fl-Istitut, żjarat fi bliet bħal Bonn, Cologne, Munster, Nijmegen, Amsterdam, Leverkusen u Oberhausen, żjajjar fil-kumpless sportiv tal-"*Bayer Leverkusen*", fil-"*chemical complex*" tal-*Bayer*, fil-*Caritas* ta' *Kleve*, u lis-Sindku ta' *Kleve*. Għal ħafna koppji kienet l-ewwel safra bħala koppja wara tant snin ta' ħajja familjari.

***Dun Anton, x'se tgħidilna dwar il-mawra tagħkom bħala grupp ta' saċerdoti ma' l-Isqof?***

Din il-mawra kienet maħsuba sena ilu meta kont *Klausenhof* mal-grupp taż-żgħażagħ. Il-*leaders* ta' *Klausenhof* kienu ħafna kuntenti li jospitaw lill-Isqof u li jorganizzaw l-aħjar mawra possibli. Meta tkellimt ma' l-Isqof hu aċċetta imma raha bħala ħolma. Kien jinteressah il-programm u wara ħafna tibdil sar programm intensiv ta' aktar minn 14-il siegħa kuljum. It-tema magħżula kienet "*Niltaqgħu mal-ħajja nisranija tal-kattoliċi Ġermaniżi*". Dan talab li niltaqgħu ma' xi isqfijiet, kappillani li jmexxu parroċċi kbar, ma' lajċi mpenjati fid-"*diakonia*" jew servizz ta' karità nisranija lejn l-oħrajn, mal-ħidma nisranija Ġermaniża, ma' ċentri ta' kultura nisranija.

Kellna laqgħa f'*Bonn* mat-tliet persuni nkarigati mil-liturġija, mill-pastorali u mill-familja fiċ-Ċentru tal-Konferenza Episkopali Ġermaniża. Laqgħa oħra kienet ma' l isqof awżiljarju ta' *Munster*, u miegħu tkellimna fuq il-ħtieġa ta' aktar saċerdoti fil-parroċċi u l-pastorali taż-żgħażagħ fil-Ġermanja. Fil-belt ta' *Aachen* kellna laqgħa mad-direttur u mas-segretarju tal-"*Missio*", li magħhom qsamna ideat fuq il-ħtiġijiet tal-missjoni; laqgħa mad-dekan kapitulari tal-belt ta' *Munster* li miegħu tkellimna fuq il-persuna tal-Kardinal Augustus Von Galen u fuq il-"*diakonia*" fil-Knisja billi hu jirrappreżenta d-djoċesi ta' *Munster* fid-direzzjoni ta' l-*Akedemie* ta' *Klausenhof*.

Rajna bliet bħal Brussel, Aachen - il-belt ta' Karlu Manju; Bonn u Cologne, il-katidral li għandu rabta ma' Sant' Ursula, Xanten - il-belt ta' San Victa' u tal-qaddisin moderni tal-kampijiet tal-konċentrament; Kevelar, il-belt tal-Madonna li fiha kemm Dun Ġużepp Bezzina u l-Isqof kienu ħadu sehem f'kungress marjoloġiku, il-belt ta' Nijnugere li qrib tagħha hemm il-Mużew tal-Bibbja, u l-Istitut ta' Wasserburg-Rindern. Nistgħu ngħidu li kienet esperjenza qawwija għalina s-saċerdoti ma' l-Isqof li aktar milli kien ragħaj kien ħuna l-kbir.



BOOKMARK

**Francois Xavier Naguyer Van Thuan,**

## "Talb ta' Tama - Tlittax-il sena fil-Ħabs"

*Maqlub għall-Malti minn Fr. Gerard Buhagiar,*
**Debono Printing Press Ltd, Nadur, Għawdex 2001.**
**ISBN: 99932-0-134-0, Prezz Lm 2.00**

## *Best Seller* issa maqlub għall-Malti

Ħafna jbassru li s-seklu 21 ser ikun is-seklu ta' l-Asja. Jista jkun. Li hu żgur hu, li bħalissa l-aktar kotba spiritwali msemmija u maqluba b'ħafna lingwi huwa preċiżament l-kotba ta' l-Arċisqof, illum Kardinal FRANCOIS XAVIER NAGUYER VAN THUAN mill-Vietnam (Asja). Għalhekk inħossha grazzja u servizz kbir lilna lkoll, li Fr. Gerard Buhagiar qaleb għall-Malti wieħed mill-isbaħ kotba spiritwali ta' dan l-Arċisqof: "**TALB TA' TAMA**". Dan il-ktieb diġa ġie maqlub fi tnax il-lingwa u kien *Best Seller* ġewwa l-Italja. Biex tagħraf il-valur ta' dan il-ktieb, trid tifhem: Min kitbu, fejn kitbu, għalfejn kitbu u għal min kitbu.




**MIN KITBU?** Kitbu Arċisqof li ta' 48 sena sab ruħu mitfugħ il-ħabs. Arċisqof mill-Vietnam - pajjiż li fi kliemu stess *"f'medda ta' 350 sena ta lill-Knisja 150 elf martri"*. Għalhekk hu frott il-Knisja tal-Martri. Sa llum stess hu mċaħħad li jerġa' lura lejn pajjiżu biex jara lil ommu qabel ma tmut, li llum għandha 'l fuq minn 90 sena. Dan l-aħħar il-Papa ħatru Kardinal. Bla dubju l-Arċisqof huwa Eroj tal-Fidi li fil-ħabs kellu esperjenza tal-Qawwa ta' l-Ewkaristija. Bil-moħbi kien iqaddes kuljum fiċ-ċella: bla ilbies liturġiku, bla kotba u bla kalċi. Kien ipoġġi tlett taqtiriet inbid u taqtira ilma f'idu u jirripeti l-kliem bl-amment. Il-Qawwa tal-Vanġelu: ma ħallewhx idaħħal Vanġelu fil-ħabs. X'għamel? Fuq biċċiet ta' karti kiteb 300 sentenza milli ftakar mill-Vanġelu, u saru l-Vanġelu *pocket size* tiegħu.

**FEJN KITBU?** Ma kitbux minn fuq xi pultruna jew fuq xi skrivanija b'xi kompjuter quddiemu; iżda kitbu fil-ħabs ta' Hanoi, fejn qatta tlittax-il sena, disa' snin minnhom waħdu mingħajr possibilta' li jgħid kelma ma ħadd, f'baħħ assolut, midfun ħaj. Tant li l-fidili ta' Hanoi kienu diġa qisuh b'mejjet u għamlu l-quddies b'suffraġju għal ruħu. Iżolat: u jikkomunika m'Alla b'dak it-*telecell* moħbi li hu t-Talb. F'ċella mudlama li bidilha f'kappella kollha dawl billi żamm kuntatt ma' Kristu li hu d-dawl tad-dinja. Il-ktieb "**Talb ta' Tama**" huwa frott ta' Siegħa Adorazzjoni kuljum li kien jagħmel matul it-13 il-sena li dam fil-ħabs.

**GĦALFEJN KITBU?** L-Arċisqof Van Thuan jistqarr: *"Nixtieq naqsam magħkom il-qatriet ta' ilma frisk li l-Mulej sawwab fuqi biex jħallini ngħix fil-mixja twila tiegħi fid-deżert"* (is-snin tal-ħabs). Għalhekk dan il-ktieb : "**Talb ta' Tama**" ismu miegħu. X'tistenna minn tlittax-il sena ħabs? Pessimiżmu, depressjoni, qtigħ ta' qalb, torturi mentali, u lmenti. Għall-kuntrarju dan hu ktieb: pożittiv, entużjażmanti, li jnissel fik kuraġġ, ferħ u tama. Dan hu l-miraklu ta' dan il-ktieb. Id-disgħin talba li fih huma: *"Xrara ta' Tama u Raġġ ta' Dawl"*.

**GĦAL MIN KITBU?** Dawn id-disgħin talba sempliċi u *straight forward* igħoddu għalija u għalik. Jgħinuna nagħmlu: L-ikbar skoperta u insibu s-sigriet tal-vera hena. L-ikbar rivoluzzjoni, billi nbiddlu d-dinja, billi nbiddlu lilna nfusna. Jalla bosta qarrejja jaqrawh u jgħadduh lill-oħrajn, ħalli jaslu biex ifasslu ħajjithom fuq il-programm li dan il-Kardinal kiteb fi ktieb ieħor *"Cammino della Speranza"*. Għażiż qarrej, parir ċkejken nagħtik: meta takkwista dan il-ktieb tibilgħux f'nifs wieħed, aħjar tomgħodu ftit kuljum!

***Arċipriet Carmelo Mercieca***

**John Portelli Ent. Ltd.**
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36




## Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet

Fit- 30 ta' Settembru li għadda nfetaħ ġewwa l-Vatikan is-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar *L-Isqof bħala qaddej ta' l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu għat-tama tad-dinja.* L-Isqof ta' Għawdex, Nikol G. Cauchi ħa sehem bħala r-rappreżentant tal-Konferenza Episkopali Maltija. Ħa sehem ukoll is-Sur Joseph Camilleri, soċju tal-MUSEUM, bħala lajk parteċipant.

Il-parteċipanti ħassew li wara l-attakki terroristiċi tal-*Black Tuesday* (11 ta' Settembru li għadda) fuq l-Istati Uniti ta' l-Amerika, id-dinja qed tħares lejn raġunijiet ġodda ta' tama. Dan kien is-suġġett l-aktar komuni, almenu f'aktar minn mitt diskors li saru fl-awla sinodali fl-ewwel ġimgħa.

L-Arċisqof Leonardo Z. Legaspi ta' Caceras, Filippini, qal li l-attakki fuq it-*Twin Towers* u l-*Pentagon* ifissru li "*ġgarrfu, mhux biss binijiet u ħajjiet innoċenti, iżda wkoll it-tamiet u l-ħolm ta' l-irġiel u n-nisa moderni, għal dinja fil-paċi fl-ordni*". "*Wara l-11 ta' Settembru 2001 id-dinja tiffaċċja ġejjieni ta' theddida, bil-possibiltà ta' aktar kaos u insigurtà*", qal l-arċisqof. "*F'din il-klima ta' disperazzjoni*", kompla jgħid, "*is-Sinodu għandu joffri t-tama tas-salvazzjoni fi Kristu, li tagħha l-Isqof huwa qaddej*".

Il-Kardinal Bernardin Gantin minn Benin tkellem f'isem il-popli afrikani, u qal li t-tweġiba ta' l-isqfijiet tista' titlob il-martirju. Żied jgħid li fl-Afrika tal-lum, il-mewt ta' rgħajja prominenti saret sinjal ta' qawmien ġdid spiritwali. Semma l-qtil ta' l-Isqof Yves Plumey fil-Kamerun, l-Isqof Pierre Claverie u seba' patrijiet trappisti fl-Alġerija, l-Arċisqfijiet kongoliżi Christopher Munzihirwa u Emmanuel Kataliko. Ta' l-aħħar miet Ruma sena ilu, dgħajjef bit-tbatijiet tal-persekuzzjoni u l-gwerra ċivili.

## L-Intervent ta' l-Isqof tagħna

L-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi semma li l-isqfijiet huma "*ħabbara tal-fidi*", "*għalliema awtentiċi*" u "*xhieda tal-verità divina u kattolika*" (Lumen Gentium n.25). Qal li huma u jxandru l-Vanġelu, jgħassu fuq il-ministeru tal-kelma, liema ministeru jirrigwarda wkoll id-duttrina soċjali tal-Knisja.

Hu fatt magħruf, kompla l-Isqof Cauchi illi l-Knisja għandha rwol tripliku: **1.** tħabbar il-verità dwar id-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem; **2.** tikkundanna s-sitwazzjonijiet inġusti; **3.** tgħin biex jitwettqu bidliet pożittivi fis-soċjetà.

Mons. Isqof temm l-intervent tiegħu billi kkwota l-enċiklika *Sollecitudo Rei Socialis* (n.41) fejn jissemma li d-duttrina soċjali tal-Knisja tagħmel parti mill-missjoni tal-Knisja li xxandar il-Vanġelu. Għalhekk, ikkonkluda Mons. Cauchi, l-isqfijiet bit-tagħlim tagħhom għandhom imexxu l-insara u jgħinuhom favur impenn għall-ġustizzja.

## Il-Papa jitlob għall-vittmi ta' l-ajruplan russu

Ġwanni Pawlu II talab għat-78 vittma ta' l-ajruplan russu li kkraxxja fil-Baħar l-Iswed. Iċ-ċirkustanzi tat-traġedja għadhom mhumiex ċari. Wara l-quddiesa li tulha ddikjara seba' beati ġodda, il-Papa indirizza madwar 30 elf pellegrin fi Pjazza San Pietru qabel l-Angelus. Semma l-mejtin fid-"*diżastru ta' l-ajru li seħħ tlett ijiem ilu fil-Baħar l-Iswed*": "*Nitlob lill-Mulej biex jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem u jfarraġ lil dawk kollha li jibku din it-telfa traġika*", qal lill-insara. Bl-Ingliż, il-Papa fakkar lill-insara biex jitolbu ta' kuljum ir-rużarju għall-paċi fid-dinja u biex ma jkunx hawn aktar attakki terroristiċi.

## Jibdew l-attakki fl-Afganistan

"*Da pacem, Domine, in diebus nostris. L-aħbarijiet li waslulna dwar l-operazzjonijiet fl-Afganistan qajjmu t-talba tagħna għall-paċi u l-ġustizzja. Mill-qalb intennu: da pacem Domine. Alla jdawwal lil dawk li għandhom responsabbiltà*". B'dawn il-kelmiet imlissna nhar it-Tnejn 8 t'Ottubru, fil-preżenza tal-Papa, mill-Kardinal Giovanni Battista Re, fetħet il-11-il-Kongregazzjoni Ġenerali tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, li għaliha kienu preżenti 230 Padri fl-awla.

Skond l-aħbar mogħtija mill-Kardinal Schotte, Mons. A.T. Lobo, Isqof ta' Islamabad-Rawalpindi (Pakistan), minħabba l-qagħda li fiha sabet ruħha d-djoċesi tiegħu, minħabba motivi ta' neċessità, kellu jħalli l-assembleja tas-Sinodu biex ikun viċin ta' l-insara tiegħu. "*Jieħu miegħu l-barka tal-Papa għall-Knisja partikulari tal-Pakistan u għal dak ir-reġun kollu. Jakkumpanjawh anki t-talba tagħna u l-ħeġġa fraterna tagħna fil-karità pastorali u fl-affett kolleġġjali*", qal Schotte.




# Servizz fil-Bażilika ta' San Pietru - Vatikan

## 23 ta' Awissu ~ 11 ta' Settembru 2001

*Bħal kull sena oħra, fis-sajf li għadda telgħu żewġ gruppi ta' abbatini sabiex iservu fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa l-Vatikan. Kienu jiem mistennija ħafna dawk tat-8 ta' Awissu u tat-23 ta' Awissu 2001. Kienu l-jiem tat-tluq minn Malta ta' l-ewwel u t-tieni grupp rispettivament. L-ewwel grupp kien ffurmat minn 21 abbati, seminarista Malti u saċerdot. Fost dawn l-abbatini kien hemm tnejn Għawdxin, Mark Bonello (Xagħra) u Edward Said (Nadur). It-tieni grupp kien iffurmat minn 21 abbati ieħor flimkien miegħi. F'dan il-grupp kien hemm l-abbatini Jean Paul Mizzi (Kerċem) u Kurt Xerri (Munxar). Fiż-żewġ gruppi t-tmexxija kienet f'idejn Dun Frans Bonnici. L-esperjenza li ser nitkellem dwarha hija dik tat-tieni grupp.*

**Is-servizz**

Bħala abbatini kien ikollna s-servizz kull filgħodu ġewwa l-Bażilika. Fost il-ġimgħa, il-programm ta' filgħodu kien ikun hekk: Għall-ħabta tas-sitta konna nqumu u qabel ma' noħorġu mill-*PreSeminario San Pio X* (fejn konna noqgħodu), konna niltaqgħu u nisimgħu b'attenzjoni tifsira qasira ta' l-Evanġelju tal-ġurnata. Fis-sitta u nofs konna nkunu fis-sagristija tal-Bażilika biex nippreparaw kollox. Konna nitqassmu fi gruppi: grupp imur jixgħel l-artali tal-Bażilika u ieħor jixgħel dawk tal-Kripta, grupp jipprepara l-kalċijiet fis-sagristija, grupp ieħor jipprepara l-ilma u l-inbid, u grupp jistenna s-saċerdoti jidħlu biex imorru jgħinuhom fil-quddiesa. Mis-sebgħa sat-tmienja, imbagħad, jidħlu s-saċerdoti biex iqaddsu, u kull abbati kien igħin quddiesa kuljum, jekk mhux aktar. Hekk kif nispiċċaw mill-quddies, konna nieħdu l-kolazzjon. Pero x-xogħol ma kienx jieqaf hemm. Il-gruppi li jkunu xegħlu l-artali jkollhom joħorġu biex jitfuhom. L-oħrajn imorru lejn il-*PreSeminario* u jlestu għall-ħarġa.

Is-servizz nhar ta' Ħadd kien ikun aktar impenjattiv. Minbarra l-quddies ta' filgħodu kmieni, kien ikollna wkoll il-Lawdi, il-Quddiesa Kapitolari, u filgħaxija l-Vespri. Għalhekk inqsamna f'żewġ gruppi, fejn grupp ta' ħames abbatini kellhom

is-servizz fil-Lawdi u l-Vespri, u l-oħrajn kellhom is-servizz fil-Quddiesa Kapitolari. Għall-quddies ta' filgħodu kienu jmorru biss dawk l-abbatini li joffru volontarjament. B'hekk dawk li ma kienux imorru filgħodu, kienu jqumu fis-sebgħa u nofs biex fit-tmienja jieħdu l-kolazzjon. Fl-għaxra nieqes kwart kien jibda l-Lawdi u dritt wara, jiġifieri fl-għaxra u nofs, kienet tibda l-Quddiesa Kapitolari. Filgħaxija mbagħad, kien ikollna l-Vespri, li kien jibda fil-ħamsa.

Konna nkunu preparati sewwa għas-servizzi li kien ikollna, u kulħadd kien jagħmel is-servizz tiegħu mill-aħjar li jista'. Rigward dawk ta' nhar ta' Ħadd, kien ikollna l-provi apposta għalihom, sabiex kulħadd ikun jaf x'għandu jagħmel, u b'hekk nevitaw il-konfużjoni. Waqt is-servizz kienet tispikka ħafna s-serjetà u l-preċiżjoni kemm ta' l-abbatini nfushom, kif ukoll tas-saċerdoti preżenti. Kumment taċ-ċerimonjier tal-Bażilika fuq dan il-punt kien li huma is-serjetà u l-preċiżjoni li jagħmlu l-liturġija. Kien ikun hemm atmosfera sabiħa ta' talb u parteċipazzjoni.

**Il-Vestizzjoni ta' l-Abbatini**

Bħala abbatini ġodda ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru, għamilna wkoll il-Vestizzjoni ta' l-abbatini, fejn waqt quddiesa konċelebrata ngħatat lil kull wieħed faxxa ħamra bl-emblema tal-Bażilika ta' San Pietru. Il-vestizzjoni saret it-Tlieta 4 ta' Settembru fl-għaxra ta' filgħodu. Mexxa l-quddiesa l-E.T. Mons. Isqof Luigi De Magistris. Kienet quddiesa mmexxija u animata mill-abbatini stess. Wara l-omelija tbierku l-faxex u l-abbatini telgħu wieħed wieħed ħdejn l-Isqof biex jirċevuha f'idejhom. Preżenti kien hemm ukoll il-ġenituri ta' l-abbatini.

**L-Udjenza mal-Papa**

Kienet ġurnata mistennija ħafna, dik ta' l-Erbgħa 5 ta' Settembru, fejn attendejna għall-Udjenza li jagħmel il-Papa fi Pjazza San Pietru. Morna kmieni biex nilħqu post fuq quddiem, u sibna ruħna fl-ewwel siġġijiet fuq in-naħa tal-lemin tat-tribuna li hemm barra. Mal-wasla tal-Papa fil-pjazza, kulħadd qam bilwieqfa jċapċap b'sens ta' merħba. Wara d-diskors li għamel il-Papa, ppreparajna għar-ritratti tal-grupp flimkien mal-Papa. Diversi abbatini kellhom ix-xorti li jirregalawlu xi oġġetti ta' tifkira. Kienet xena verament sabiħa, bl-abbatini f'riġlejn il-Papa.

**Ħarġiet ta' nteress u divertiment**

Minbarra s-servizz li konna nagħmlu, kien ikollna wkoll mumenti ta' mistrieħ u divertiment. Il-Ħamis 30 ta' Awissu attendejna għall-film 'Quo Vadis' fis-Sala Pawlu VI. Preżenti kien hemm ukoll il-Papa Ġwanni Pawlu II. Dorna kważi l-postijiet turistiċi kollha li hemm ġewwa Ruma. Morna l-erba' Bażiliċi ta' Ruma, Kastell Sant'Anġlu, il-Katakombi ta' San Kallistu, il-Kolossew, *Castel Gandolfo*... u oħrajn. Żorna ukoll ir-Radju tal-Vatikan, fejn kien hemm mara Maltija li spjegatilna kollox. Morna ukoll għand saċerdot Għawdxi, Dun Ġużepp Attard, li qiegħed kappillan fil-parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antijokja. Kienet stedina min-naħa tiegħu, u t-tfal ħadu pjaċir bl-esperjenza ġdida f'parroċċa ġewwa Ruma. Fuq ix-xewqa tat-tfal morna wkoll il-*Lunapark* ta' l-Eur, kif ukoll iż-Żoo. Morna naraw ukoll il-Villa d'Este li tinsab ġewwa Tivoli. Kien hemm ukoll min mar mal-ġenituri tiegħu fil-Belt ta' Assisi, u oħrajn attendew għal-logħba futbol fl-Olimpico. Ġeneralment filgħaxija konna nilgħabu l-futbol bejnietna jew inkella noħorġu flimkien nieħdu xi ġelat tajjeb li taf toffri Ruma...

**Konklużjoni**

Kienet esperjenza verament sabiħa, u fuq fomm kulħadd kien hemm il-kelma "Grazzi". Grazzi lil kulħadd, kemm dawk li mexxew il-gruppi kif ukoll lil dawk li laqgħuna fil-Vatikan. Esperjenza li żgur kull wieħed minna ser jibqa' jġorr miegħu tul ħajtu kollha. Morna l-Vatikan biex inservu l-artal, u żgur li dmirna għamilnih b'dedikazzjoni u serjetà. Kienu jiem fejn bejnietna kibret ħbiberija fraterna u żgur li tibqa' maqgħuda 'l quddiem.

*Seminarista Joshua Muscat*
*20 ta' Settembru 2001*

MILESI
Wood Varnishes
*Sole Agents*
MARIO PORTELLI
TRADING
5, St. Joseph Street, Qala
Tel: 21556649 Fax: 21562985
Mobile: 9944 0360

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI ④



# L-Istoriċità ta' l-Evanġelji

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

**Ix-Xhieda tal-Bibbja**

Huwa relativament faċli li tipprova li Kristu kien jeżisti fil-waqt li huwa wisq iktar diffiċli li tiskopri min kien, x'għamel u x'għallimna.

Il-għejjun jew sorsi ewlienija li minnhom nistgħu niksbu tagħrif dwar il-persuna ta' Kristu u l-opra tiegħu, huma l-erba' Vanġeli. Il-Vanġeli ma humiex bijografija ta' Kristu, iżda huma kotba storiċi, jitkellmu dwar persuna li eżistiet tabilħaqq u jagħtuna informazzjoni storika ġenwina dwarha.

Iżda qabel, ma nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq il-Vanġeli, nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-Bibbja kollha li fl-aħħar mill-aħħar l-Evanġelji huma parti minnha. Il-kotba kollha tal-Bibbja kemm dawk tar-Rabta l-Qadima kif ukoll dawk tar-Rabta l-Ġdida jissejjħu kotba mqaddsa, kanoniċi, ispirati minn Alla, u mingħajr żball.

Il-kelma "Bibbja" mhix fis-singular u ma tindikax ktieb wieħed, Iżda ġejja mill-kelma griega "Biblia" li tfisser ħafna kotba. Il-Bibbja jew Skrittura Mqaddsa hija bibljoteka jew librerija li fiha il-kotba tat-Testment il-Qadim jiġifieri ta' qabel Kristu u l-kotba tat-Testment il-Ġdid, miktubin wara l-miġja ta' Kristu.

L-Iskrittura tar-rabta l-Qadima u tar-Rabta l-Ġdida hija l-kollezzjoni jew ġabra ta' kitbiet li l-Knisja Kattolika aċċettat fil-kanoni bħala kotba ispirati minn Alla u għalhekk jistgħu jissejjħu u huma tabilħaqq l-kelma t'Alla.

**Kanoniċita`**

Meta ngħidu "Il-kanoni ta' l-Iskrittura" nifhmu lista jew kollezzjoni ta' kitbiet ispirati, lista magħmula skond it-tradizzjoni u bl-awtorita` tal-Knisja. F'dawk il-kotba hemm ir-regola tal-Fidi Divina. Huwa ammess mill-kattoliċi l-prinċipju li l-Knisja biss għandha l-jedd tiddikjara liema kotba huma kanoniċi.

Fit-tieni seklu qabel Kristu, il-Bibbja Lhudija ġiet tradotta għall-Grieg, li kien l-ilsien li jitkellem bih, għadd kbir ta' Lhud li kienu jgħixu fil-pajjiżi madwar il-Meditterran. F'din it-traduzzjoni, imsejjħa tas-Sebgħin (settwaġinta) ġew inklużi xi kitbiet aktar reċenti li kienu rikonoxxuti bħala kelma t'Alla, mil-Lhud tad-diaspora, jiġifieri dawk li kienu emigrati f'art oħra barra mill-Palestina. Dawn il-kitbiet kienu Tobija, il-ktieb tal-Għerf, il-kotba tal-Makkabej eċċ. Madanakollu dawn il-kotba ma kienux ammessi fil-kanoni Lhudi, li fuqu kienu jimxu l-Lhud ta' Ġerusalemm. Imma l-insara imxew fuq it-tradizzjoni tas-Sebgħin, u aċċettaw anke dawk il-kotba li ma kienux fil-kanoni tal-Lhud u sejjħulhom "dewtero-kanoniċi", kelma Griega li tfisser it-tieni lista. Hawn qiegħda d-differenza bejn il-kanoni Lhudi u l-kanoni kattoliku ta' l-iskrittura. Għalhekk rigward il-kanoni tat-Testment il-Qadim, il-Knisja tal-Punent aċċettat il-kanoni Alessandrin,jiġifieri dak tat-traduzzjoni tas-Sebgħin, l-iktar fuq l-awtorita` ta' Sant'Wistin. Fi żmien ir-Riforma, il-protestanti ippreferew li jsegwu l-kanoni Lhudi u ħallew barra l-kotba dewtero-kanoniċi li huma jsejħulhom "apokrifi". Fit-traduzzjoni Ekumenika tal-Bibbja (TOB) komuni għall-kattoliċi u għall-protestanti (1975) u aċċettata mill-ortodossi, il-kotba dewtero-kanoniċi huma stampati wara dawk tal-Bibbja Lhudija.

Rigward it-Testment il-Ġdid, il-Knisja Kattolika għandha 27 ktieb fil-kanoni tagħha, li huma mqassmin f'kotba storiċi bħal Vanġeli, kotba didattiċi bħall-ittri ta' San Pietru, San Pawl eċċ, u ktieb profetiku li huwa l-Apokalissi.



Prattikament fir-IV seklu, kien hemm qbil fost il-kattoliċi, fuq il-kanoni ta' 27 ktieb. Fost it-teoloġi protestanti kien hemm xi diskussjoni dwar il-kanoni tar-Rabta l-Ġdida iżda l-Konċilju ta' Trentu, afferma b'mod definit il-Bibbja tal-Kattoliċi fi 73 ktieb, jiġifieri il-kanoni tar-Rabta l-Ġdida f'27 ktieb u dak tar-Rabta l-Qadima f'46 ktieb. Huma 45 ktieb jekk Ġeremija u l-Lamentazzjonijiet jitqiesu ktieb wieħed. Dan il-kanoni jaqbel ma' dak approvat mill-Konċilju ta' Ippona fis-sena 393, li ġie ripetut fit-tielet u fir-raba Konċilju ta' Kartaġni fis-snin 317(397?) u 419 u jinsab ukoll f'ittra *"Consulenti Tibi"* mibgħuta mill-Papa Innoċenzu I fl-405 lil Exuperius, isqof ta' Toulouse. Kien hemm konferma wkoll fid-digriet għall-Ġakobiti tal-Konċilju ta' Firenze(1438-45).

**L-Ispirazzjoni Divina**

L-Ispirazzjoni tal-Bibbja tfisser l-għajnuna divina li kellhom il-bnedmin li kitbuha għax kienu mqanqlin u mdawwlin minn Alla biex jiktbu dak li riedhom jiktbu Alla. Għalhekk ngħidu li l-awtur ewlieni tal-Bibbja huwa Alla li ispira jew nebbaħ il-messaġġ bibliku, waqt li l-awtur uman jew aġjografu huwa l-bniedem, ispirat u mmexxi minn Alla fil-kitba tiegħu. Fil-Kostituzzjoni dommatika *Dei Verbum* n. 11 tfissrilna kif twettqet l-ispirazzjoni divina tal-Bibbja: "Biex jinkitbu l-Kotba Mqaddsa Alla għażel xi bnedmin u nqeda bihom waqt li ħalliehom jużaw il-fakultajiet u l-kapaċitajiet tagħhom. Hekk, bil-ħidma tiegħu fihom u permezz tagħhom, huma kitbu, ta' veri awturi, dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk biss li Huwa ried li jinkitbu."





**Inerranza**

Fost il-kattoliċi, huwa magħruf li l-Iskrittura Mqaddsa ma fihiex żbalji li huma veri żbalji. Dawk li ma jaċċettawx l-ispirazzjoni jammettu fil-Bibbja l-possibilita` ta' żbalji bħal f'kull ktieb ieħor magħmul mill-bnedmin. Ljuni XIII tkellem dwar l-inerranza jew il-ħlusija mill-Iżbalji fil-Bibbja, fl-enċiklika *Providentissimus Deus* (18 ta' Novembru 1893) fejn jgħidilna: "*Dawk li jaħsbu li fil-kitbiet awtentiċi tal-Bibbja, jista' jkun hemm xi żball, jew ikunu jaqilbu t-tagħlim kattoliku dwar l-ispirazzjoni divina jew iżommu l'Alla nnifsu, bħala awtur ta' l-iżball*" (n.126).

Il-Konċilju Vatikan I fil-Kap 2 *De Revelatione* jgħid li l-kotba tar-Rabta l-Qadima u tar-Rabta l-Ġdida "il-Knisja żżommhom bħala kotba sagri u kanoniċi, u mhux biss għaliex fihom ir-rivelazzjoni mingħajr żbalji iżda wkoll għaliex peress li nkitbu bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, għandhom 'l Alla bħala awtur tagħhom, u bħala tali għaddew f'idejn il-Knisja."

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dommatika *Dei Verbum* (n. 11) jgħidilna: "Għandna nemmnu li l-Kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'ċertezza, b'fedelta` u mingħajr żbalji l-verita` li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa."











# NOVEMBRU *ifakkarna...*

**Poeżija ta' Francesco Pio Attard**

*Is-sena tgerbeb ġmielha, xahar għall-ieħor,*
*Kull jum iġib il-ġdid, jarmi l-qadim,*
*Novembru feġġ mill-ġdid biex ifakkarna*
*F'dawk ħutna li taħt l-art hemm misturin.*

*Titnissel mill-ġdid f'moħħna d-dehra kiebja*
*Ta' l-egħżeż ħutna mejta u mingħajr nifs*
*Lesti għad-difna, biex darba għal dejjem*
*Jingħaqdu ġewwa s-Sema mal-Ħellies.*



*Imma aħna - msejkna - nibku t-telfa tagħhom*
*Għax ma nagħrfux li din m'hi telfa xejn,*
*Anzi hi rebħa għal min fil-ħajja tiegħu*
*Ra li ma ħadd ma kien baqagħlu dejn.*

*Nitolbu mela 'l Sid il-Mewt u l-Ħajja*
*Biex jeħles lil dawk ħutna msejknin*
*Li għadhom qed ipattu ta' dnubiethom*
*Qabel jingħaqdu għal dejjem mal-Qaddisin.*



*Biex meta ntemmu l-ġirja f'din id-dinja*
*U ħabta w sabta Oħtna l-Mewt tħabbtilna,*
*Bi premju denn tal-ħajja denja tagħna*
*Sieħba eterni tiegħu Alla jagħmilna.*

Karmni Grima - 2


*Il-kwadru tal-kappella Ta' Pinu kif kien ikun imżejjen fil-festa*

# Semgħet leħen mill-kwadru

**jikteb Angelo Xuereb**

Kien fit-22 ta' 1883 li Karmni Grima semgħet il-leħen tal-Madonna mill-kwadru tal-kappella ta' Pinu.

Hija kienet ġejja lura lejn darha mill-għalqa tagħhom n-naħa tal-Ġurdan meta kienet tirreċita xi talb privat. Kienu qrib l-għaxra ta' filgħodu. X'ħin resqet lejn il-knisja Ta' Pinu semgħet leħen li qalilha "*Ejja*" għal darbtejn jew tlieta. Karmni kkonfondiet u ma kenitx x'taf se taqbad tagħmel. Imma l-leħen ta' qabel reġa' tenna "*Ejja llum, għaliex qabel sena oħra ma tkunx tista' tiġi*". ħasbet li jekk tidħol fil-knisja ssib lil Verġni Marija. X'ħin waslet hija ttawlet mit-tieqa tal-knisja u rat li ma kien hemm ħadd. Daħlet fil-knisja u fit-talb tagħha hemm ġarbet hena kbir. Xħin spiċċat mit-talb l-istess leħen qalilha: "*Irreċita tliet Ave b'tifkira tat-tliet ijiem li ġismi dam fil-qabar*". Jiġifieri Karmni semgħet il-leħen tal-Madonna.

Karmni żammet dak li ġara mistur. Irrakkontatu madwar sentejn wara lil Franġisk Portelli, li kien żgħażugħ mogħti għall-ħajja ta' tjieba. Huwa wera ruħu kuntent ħafna iżda ma qal xejn izjed. F'okkażjoni oħra Karmni staqsietu jekk kienx sema' xi ħaġa straordinarju. Huwa qalilha li għal madwar sitt darbiet kien sema' b'mod sensibbli l-leħen tal-Madonna li rrikmandatlu d-devozzjoni lejn il-pjaga tal-Ispalla ta' l-Iben tagħha, li kienet saritlu bit-toqol tas-salib.

F'Ottubru tal-1886 omm Franġisk Portelli kienet f'xifer il-mewt. Uliedha Franġisk, Nikola u Nardu marru jżuru l-kappella Ta' Pinu u wara li qalu r-Rużarju għall-fejqan ta' ommhom għamlu wegħda li jdendlu lampier quddiem il-Madonna. L-għada ommhom bdiet ġejja għall-aħjar u għexet għal sentejn u nofs oħra.

Wara din l-ġrajja bosta folol bdew jiġru lejn Ta' Pinu. Xterdet ukoll ix-xniegħa li l-Madonna kellmet lil żewġ persuni mir-raħal ta' l-Għarb. L-arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Kanonku Saverju Debrincat sema' b'dawn ix-xniegħat u dlonk mar għand l-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Pietru Pace. L-Isqof deherlu li wieħed għandu jistenna għaliex jekk din il-ġrajja ġejja mis-Sema, Alla nnifsu jsib mezz sabiex kulħadd isir jaf din l-verità.

Kull meta ġiet imsejħa Karmni Grima dejjem ikkoperat mal-awtoritajiet tal-Knisja. Dan kien sinjal ċar li l-leħen mis-Sema kien dak tal-Madonna.

B'dan il-mod Karmni Grima tgħallimna li għandna nobdu l-awtoritajiet tal-Knisja.

IL FORNO DA MONTANARO
25, Marina Street, Marsalforn
- Tel. 2156 5140
Italian & Maltese Cuisine
Live Brasilian Guitar Music
(almost every night)

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(L-Ewwel Parti )*

Il-biedja hija x-xogħol jew il-ħidma tal-bidwi. Il-kelma biedja ġejja mill-verb beda u nom verbali bidu li jfissru ħidma li dejjem tibda għax tabilħaqq hekk hu: il-bidwi jtemm xogħol u jibda ieħor, u jibqa' sejjer hekk is-sena kollha, u minn hawn ħajtu kollha, sena wara sena.

**L-Art**

Il-bidwi hu ħaddiem ta' l-art, ikabbar l-uċuħ u jrabbi l-bhejjem. F'Għawdex l-art fejn jaħdem il-bidwi għandha bosta ismijiet skond il-għamla u l-qagħda tagħha. L-akbar inħawi fejn jaħdem il-bidwi jissejħu ***oqsma***. Il-***qasam*** hu art kbira, fil-wita jew fil-pjanura, aktarx fil-qalba tal-gżira, u tkun proprjetà tal-Gvern mikrija għand il-bdiewa. Għandna, għalhekk, il-Qasam ta' Ħamet, tad-Dewwiel, Ta' Briegen, Tal-Bordin, tal-Barmil u ta' l-Imgħajjen, tat-Taflija, tal-Gruwa, ta' Ġnien is-Sultan, ta' San Ġorġ, u oħrajn.

Iżda qasam ikun kbir ħafna għal bniedem wieħed. Għalhekk fil-bidu kien jinqasam f'erba' biċċiet, kull biċċa tissejjaħ ir-***raba***, minn hekk għandna l-kelma ***raba*** li tfisser waħda mill-erba' biċċiet art li jinħadmu mill bdiewa tagħna.

Maż-żmien l-art kompliet tinqasam b'biċċiet iżgħar, u ħafna mill-bdiewa tagħna bdew jagħlqu l-biċċa art tagħhom b'ħajt tas-sejjieħ. U minn hekk tnisslet il-kelma ***għalqa*** (bit-Taljan *clausura*), li fil-bidu kienet tfisser biss biċċa art magħluqa b'ħajt tas-sejjieħ. Illum, kull biċċa art magħluqa imqar bil-***qsami*** tissejjaħ għalqa. Il-qsami (waħda ***qasma***) ikunu sinjali magħmula bil-ġebel biex jifirdu għalqa minn oħra.

Billi Għawdex hu gżira tal-għoljiet, mal-faldi jew xaqlibiet ta' dawn il-għoljiet insibu ħafna għelieqi mtarrġin waħda fuq l-oħra. Dawn l-egħlieqi hekk imtarrġin jissejħu ***sined***. Insibu ***isinda*** mal-għoljiet ta' Għammar, ta' Kuljat, taż-Żebbuġ, Għajn Lukin u fi nħawi oħra.

Biċċa art kbira li tħares għal fuq xi wied tissejjaħ ***wilġa***. F'Għawdex insibu wileġ fl-inħawi ta' San Lawrenz u l-Għarb, il-Għasri u l-Qala.

Artijiet li ma jinħadmux jissejħu ***Qortin*** - art kollha blat li tagħti għal fuq il-baħar; ***Xagħra*** - art kollha blat fil-qċaċet tal-għoljiet u fuq Ta' Ċenċ; u ***Moxa*** - art kollha blat jew b'ħamrija qasira miftuħa għal kulħadd jew ***spazju pubbliku***. Dari f'artijiet bħal dawn il-bdiewa tagħna kienu jirgħu l-merħliet tagħhom ta' ngħaġ u mogħoż.

Ir-raba u l-għelieqi għandhom ukoll l-ismijiet tagħhom skond il-għamla u l-qagħda tagħhom. Għalqa ġejja għat-tul tissejjaħ ***ħabel*** jew ***ħabel raba'***. Ħabel raba dejjaq ħafna u mhux twil wisq jissejjaħ ***ċarrut***. Biċċa raba ċatta u aktar għolja mill-inħawi ta' madwar tissejjaħ ***mejda***. Biċċa raba fonda u b'raba għoli fil-ġnub taż-żewġ naħat tagħha tissejjaħ ***ħanaq***. Art sura ta' trijanglu tassejjaħ ***xatba***, u art ta' sura kwadra u mdawra bil-qsami tissejjaħ ***roqgħa***. Biċċa art żgħira bejn għelieqi ikbar minnha tissejjaħ ***feles***. Art wara r-razzett jew ħdejh, li tista' tkun imdawra b'ħajt u fejn jistgħu jintelqu t-tjur, tissejjaħ ***mandra***. Dari l-***imnadar*** kellhom tifsira ħafna aqwa minn dik ta' llum. Għalqa mdawra b'ħajt tas-sejjieħ u mħawla dwieli u siġar tal-frott tissejjaħ ***ġnien***, jew ***ġnejna*** jekk tkun żgħira. Jekk tkun maġenb id-dar tissejjaħ ***ġardin*** jew ***ġardina***.

Ir-raba u l-egħlieqi jinfirdu minn xulxin bil-*qsami* (waħda *qasma*) u bil-ħitan tas-sejjieħ. Xi drabi fuq il-ħajt tas-sejjieħ ikun hemm ħafna ċnagen imqegħdin għall-wisgħa biex iservu ta' passaġġ għall-bdiewa, u biex wieħed iqassar it-triq. Passaġġ bħal dan jissejjaħ *ċangar*.

## Id-Daqs u l-Kejl ta' l-Art

L-artijiet u l-egħlieqi ma jkunux ta' daqs wieħed. Għalhekk jeħtieġ li jitkejlu biex id-daqs tagħhom ikun magħruf. Id-daqs tar-raba għandu jkun magħruf kemm minħabba l-ħlas tal-qbiela jew taċ-ċens, kif ukoll minħabba l-miżergħa u l-ħlas għax-xogħol li jsir fih, għalkemm il-ħlas tax-xogħol jista' jsir ukoll bl-imqieta jew bil-ġurnata.

Meta ngħidu *qbiela* nifhmu ħlas minn sena għal sena, jiġifieri *kera* tar-raba. Ħafna jissejjħu *qbejjel* u l-ħlas isir f'Santa Marija, inkella f'festi oħra bħal San Martin, il-Milied, u l-Għid il-Kbir. ***Ċens*** jew ***canone*** u ***enfitewsi*** jfisser meta l-art tingħata b'kuntratt għal perijodu ta' snin, per eżempju sat-tielet ġenerazzjoni jew għal disgħa u disgħin sena. Meta jagħlaq iċ-ċens, l-art terġa' tmur lura għand sidha. Is-sidien ta' l-art huma l-Gvern, il-Knisja u Entitajiet Reliġjużi, u n-Nobbli. Meta ngħidu nobbli nifhmu l-Baruni, il-Konti, il-Markiż u titli oħra bħal dawn. Ftit ferm huma l-bdiewa li jkollhom ir-raba proprjeta` tagħhom.

Il-kejl antik u folkloristiku kien jibda bix-***xiber***. Tmint (8) ***ixbar*** jagħmlu ***qasba***. Erba' (4) ***qasbiet*** kwadri jagħmlu ftit aktar minn ***kejla***. Għaxar (10) ***kejliet*** jagħmlu ***siegħ***. Sitt (6) ***sigħan*** jagħmlu ***tomna***. Erbat (4) ***itmien*** jagħmlu ***wejba***. Erba' (4) ***wejbiet*** jew sittax-il (16) ***tomna*** jagħmlu ***modd***. Il-plural ta' modd huwa ***mdied***.

Il-Gvern, il-Knisja u n-Nobbli jkollhom il-***Kabrew*** li jkun ktieb kbir tal-pjanti u l-mappi, impinġi sabiħ u mżejjen b'mod artistiku biex juri fejn hi l-proprjeta` tagħhom.

## Il-Qbiela

Il-qbiela tinħadem mhux biss fuq il-kobor ta' l-art, imma wkoll fuq konsiderazzjonijiet oħrajn. Ir-raba jista' jkun ***ħajt it-triq***, jiġifieri l-ħajt tiegħu jmiss mat-triq u allura wieħed jista' jdaħħal il-demel u joħroġ il-prodotti bla tbatija ta' xejn. Jekk ir-raba jkun 'il ġewwa ħafna, dan jissejjaħ ***"raba ta' l-ispallejn"*** għax il-bidwi jkollu jġorr id-demel u l-prodotti fuq spallejh sakemm iwassalhom fuq l-art tiegħu. Fejn ikun hemm mogħdijiet komuni l-bidwi jinqeda bil-***bhejjem tal-ġarr*** jew ***tat-tagħbija***: ħmar, bagħal, żiemel, u llum b'xi trakk jew moħriet. Il-mogħdija tal-bhejjem mhux bilfors tkun ***tal-karrettun***. F'dan il-każ it-tagħbija tinġarr ***fuq il-pennell*** li hu xorta ta' xedd li jintrama fuq dahar il-bhima. Il-ġarr fuq il-pennell dari kien isir l-aktar fl-inħawi ta' taħt iż-Żebbuġ.

Għall-ħlas tal-qbiela l-bdiewa jaraw ukoll jekk ir-raba hux ***saqwi*** inkella ***bagħli***. Raba saqwi jfisser raba li jkollu l-ilma ġieri jew maħżna kbira ta' ilma. Raba bagħli jfisser raba li jissaqqa biss bix-xita.

Jaraw ukoll il-kwalita` tal-ħamrija.

## Il-Ħamrija

Il-ħamrija hija t-teżor tal-biedja. Meta x-xogħol isir f'waqtu u bis-sengħa, il-ħamrija trodd lura lill-bidwi tagħna mitt ġid. Dari l-bidwi kien jafu dan u għalhekk kull roqgħa ħamrija li kien isib kien idawwarha bil-ħitan tas-sejjieħ biex ma tintilifx. Il-ħamrija li tinġarr lejn il-baħar mill-ilmijiet tax-xita ma terġax tinġieb lura.

F'Għawdex insibu diversi tipi ta' ħamrija skond il-blata fejn ikun jinsab ir-raba. ***Ħamrija grassa*** tfisser ħamrija fonda, xi ftit taflija, imma għanja u għammiela ħafna, fil-waqt li ***ħamrija ħawlija*** tfisser ħamrija m'hix għammiela. Ħamrija ħawlija jew ***turbazz*** tista' tissewwa billi jiżdidilha magħha d-demel.

It-tipi ta' ħamrija tal-gżira Għawdxija huma dawn: Il-***bajjad*** li nsibuh l-aktar fuq il-***blata l-bajda*** jew



tal-franka. L-uċuh li jikbru fil-bajjad huma l-qoton, patata u tadam, ful u piżelli, iż-żera', kemmun, tewm u basal, bħajra: bettiħ u dulliegħ, u kromb: pastard, kaboċċi, u ġidra. ***Bajjad xkett:*** hawn jikbru wkoll il-prodotti li semmejna u oħrajn bħal bżar aħdar, bringiel, ħxejjex aromatiċi, qargħa bagħi, qargħa twil u qargħa aħmar, fiġel, pitravi, karrotti, indivja, spinaċi u qoqoċċ, l-aktar fejn ikun hemm is-saqwi.

***Il-ħamri*** nsibuh fuq il-blat taż-żonqor ta' fuq jew taż-żonqor ta' taħt. Ismu miegħu, il-ħamri ma jfisser xejn ħlief ***ħamrija ħamra*** u f'Għawdex tinsab l-aktar ix-Xagħra, in-Nadur, iż-Żebbuġ, il-Qala, Għajnsielem, u fuq il-qċaċet tal-għoljiet. Meta l-ħamri jkun ***ħerki*** jagħmel uċuh bikrija, ***ħamri muħrar*** ifisser ħamri mgħaffeġ u kollu tub, u għalhekk ma tantx jagħmel. ***Ħamri ramli*** jkun ħamri kollu ramel u għalhekk għammieli ħafna, l-aktar għad-dwieli. ***Ħamri tal-qawwi*** jkun ħamri taż-żonqor ta' fuq u tar-rina fil-waqt li ***ħamri tas-sekonda*** jkun ħamri taż-żonqor ta' taħt. Fil-ħamri jikbru l-uċuh kollha tas-saqwi billi fejn jinsab ikun hemm ukoll l-ispieri ta' l-ilma ġieri. Il-ħamri tajjeb ħafna wkoll għas-siġar taċ-ċitru jew agrumi, bħalma huma larinġ, lumi, mandorin, lumiċell u lumi larinġ. Għalhekk, anki meta dawn is-siġar jitħawlu f'inħawi fejn m'hemmx ħamri, il-konka tagħhom aktarx timtela bil-ħamri.

Fil-ħamrija grassa, ħamrija fonda aktar 'il fuq mill-bajjad, jikbru l-bajtar tax-xewk, dwieli u sigar tal-frott irqiq u tin. Xi ftit aktar 'il fuq insibu l-***ħamrija żejtnija*** li tkun ħamrija xi ftit aktar tqila u aktar taflija mill-ħamrija grassa, imma mhux daqstant fonda. Ir-raba żejtni jkun max-xaqlibiet tal-għoljiet u l-isinda. Fih tikber l-aktar is-silla, li ħafna drabi tinbet weħidha.

Wara r-raba żejtni nsibu r-***raba tafli***, li hu l-inqas produttiv, imma fih tikber ukoll is-silla u diversi ħxejjex selvaġġi. Dan ir-raba aktarx li ma jinħadimx, iżda s-silla li tikber fih tinħasad għall-bhejjem. Aktar 'il fuq, ir-raba tafli jittaffa bir-ramel li jinqala' mis-saff tar-rina u jsir tajjeb biex fih jitħawlu s-siġar tal-frott irqiq bħal-lewż, għajnbaqar, tuffieħ u dwieli, basta l-għelieqi jkunu mkenna bil-blatiet u l-qanniċ.

F'xi nħawi iżolati ġie li nsibu ***ħamrija sewda***, ħamrija aktarx imħallta b'ħafna ħama u kompost magħmul mill-weraq li jaqa' taħt is-siġar. Din il-ħamrija aktarx isibuha f'inħawi baxxi. Il-ħamrija sewda hija għammiela ħafna l-aktar għall-uċuh tas-saqwi u tat-tadam u l-patata.

**It-Tisfija**

Xi raba li jinsab fil-wita, dari msejjaħ ***bur***, meta tagħmel xita qawwija jispiċċa mifqugħ jew art ***mistagħdra***. Fl-inħawi tal-Qasam ta' Ħamet, l-inħawi ta' fuq tal-Wied ta' Żejta, f'nofs il-Qasam ta' Ġnien is-Sultan, u fl-inħawi ta' wara l-Ħotba ta' Kanċla hemm raba li wara xita qawwija jinfaqa' bl-ilma. Biex ma jiġrix dan, dari kienu jibnu ***gandott*** ħalli l-ilma żejjed jissaffa. Biex ir-raba jissaffa ġie li jagħmlu gandotti taħt l-art, imsejħin ***skarnaturi*** biex l-ilma tax-xebgħa jsaffi minnhom. Fejn ikun art imxaqilba u mal-faldi tal-għoljiet insibu wkoll l-***imwejjen*** jew mini baxxi mibnija bil-ġebel biex f'każ ta' xita qawwija l-ilma jgħaddi minnhom u hekk ma jġorrx il-ħamrija lejn il-widien u lejn il-baħar. Fejn ir-raba jkun imtarraġ ġie li nsibu xi għalqa li wara xita qawwija l-ilma jibda jżoqq għal ġo fiha mill-għalqa ta' fuq. Il-għalqa li fuqha jnixxi l-ilma taż-żaqq tissejjaħ ***bewwiela***.

(Jissokta)




# GELLUXA LIMITED

## We are at your Service

- Best Quality Animal Feeds
- All Liqueur Brands
- Large variety of Confectionery Lines at Most Competitive Prices



**St. Anthony Street, Mgarr, Gozo.**

**Tel: 551555 • 554 273**

# Il-Kenur

## Bar, Restaurant & Pizzeria

Restaurant on the way to Xlendi, recently refurbished and under new management

**Simply the Best**

Xlendi Road, Munxar

Tel: 21551583 • Mob.: 0988 5482

## FUQ L-INTERNET

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt

IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

## (It-Tieni Parti)

### Stalaktiti u Stalagmiti

Fil-kamra li tmiss ma' din is-sala nsibu kollezzjoni ta' stalaktiti u stalagmiti kif ukoll minerali oħra li jinsabu fil-formazzjoni tal-gżejjer maltin.

Dawn l-istalaktiti u l-istalagmiti dejjem insibuhom jiġu ffurmati f'għerien tal-franka jew tal-qawwi ta' fuq. L-istalaktiti huma dawk il-forom li jiddendlu mis-saqaf ta' l-għar u jixbħu ħafna lill-imrieżaq tas-silġ, għalkemm x'uħud minnhom għandhom forma iktar ċatta u miftuħa u jkunu qishom xi purtiera bil-pjiegi. L-istalagmiti jikbru fuq wiċċ l-art ta' l-għar kważi dejjem taħt xi stalaktita.

L-istalaktiti jiffurmaw meta l-ilma, li jkun fih minerali maħlula, jgħaddi mill-ġebla li poruża u jqattar mis-saqaf. Kull qatra li taqa' tħalli warajha dik id-daqsxejn ta' minerali maħlula, imsejjaħ karbonju tal-kalċju. Dan il-fdal bil-kemm jidher jibda jingabar flimkien u jifforma, matul l-eluf ta' snin, l-istalaktiti. Imbagħad, dawk il-qtar li jaqgħu mis-saqaf ta' l-għar għal fuq l-art iħallu dak li jifdal mill-minerali biex eventwalment jiġu ffurmati l-istalagmiti. Peress li x'ħin jaqgħu l-qtar mis-saqaf jinfirxu fuq spazju ta' art iktar wiesa, l-istalagmiti jiffurmaw ruħhom iktar ħoxnin u jkollhom forom aktar differenti mill-istalaktiti. Imbagħad, jekk xi darba dawn it-tnejn ikomplu jikbru sa ma jiltaqgħu flimkien, jiffurmaw kolonna.

F'Għawdex insibu l-Għar ta' Ninu u l-Għar ta' Xerri, it-tnejn fix-Xagħra, b'dawn il-formazzjonijiet naturali. F'Malta hemm Għar Dalam li fih insibu dawn it-tipi ta' stalaktiti u stalagmliti.



*Stalaktiti u stalagmiti fil-Għar ta' Xerri, Xagħra.*

## L-evoluzzjoni tal-bniedem

Fl-istess sala li hemm għall-wiri s-sezzjoni tal-ġeoloġija, insibu wkoll żewġ vetrini li għandhom x'jaqsmu ma' l-evoluzzjoni tal-bniedem kif ukoll ta' l-annimali. Aktar 'l quddiem dawn il-vetrini jridu jsibu posthom f'kamra adattata għalihom f'dan l-istess mużew.

Fl-intrata ta' dan il-mużew iltqajna mal-bust tal-bniedem minn Neander, fejn rajna li dan għandu madwar 40,000 sena. Illum ser nipprova nfisser b'mod sempliċi l-evoluzzjoni tal-bniedem fuq wiċċ l-art.

L-akbar misteru ta' kull żmien huwa l-bniedem innifsu. Li fl-aħħar tinstab it-tifsira għax-xarada li jippreżenta l-istess bniedem tkun l-aqwa skoperta. Mistoqsija li ta' sikwit jistaqsi lilu nnifsu l-bniedem hija bla dubju ta' xejn: *X'inhu l-oriġini tiegħu nnifsu.*

## L-Iżvilupp Bijoloġiku u Kulturali tal-Bniedem. *Homo sapiens.*

Numru kbir ħafna ta' għadam u snien fossilizzati nstabu f'postijiet differenti kemm fl-Afrika, fl-Ewropa u fl-Asja. Ġew misjuba u skavati għodod tal-ġebel, ta' l-għadam u ta' l-injam, kif ukoll qigħan ta' fuklari, siti fejn għexu l-ewwel bnedmin kif ukoll id-dfin tagħhom. B'riżultat ta' dawn is-sejbiet, illum tista' tiġi komposta stampa ta' l-evoluzzjoni tal-bniedem matul l-aħħar 4 jew 5 miljun sena.

## Il-firda

Dawn huma t-tliet karatteristiċi bijoloġiċi fl-ispeċi tal-bniedem li jiddistingwuh minn ħlejjaq oħra.

## Bipedaliżmu

L-ewwel ħaġa li tiddistingwi l-bniedem minn kull annimal ieħor huwa l-fatt li kapaċi jimxi u jżomm fuq żewġ saqajn u din il-kapaċità bdiet tifirdu mill-ħlejjaq l-oħra. Minħabba dan il-mod ta' mixi, in-natura bdiet timmodifika l-iskeletru ta' dan l-ispeċi speċjalment fin-naħa t'isfel tax-xewka tad-dahar, il-pelvi u s-saqajn. Peress li dan it-tibdil fil-għadam huwa dokumentat fil-fossili misjuba, dan il-fatt huwa meħud bħala l-prova li l-ispeċi umana bdiet tinqata' mill-ħlejjaq l-oħra.

## Id-daqs tal-moħħ u tal-ġisem

L-abiltà li l-bniedem juża għodod u oġġetti oħra toħroġ mill-fatt kemm ikun id-daqs u l-volum tal-moħħ tal-bniedem. Il-moħħ ta' bniedem modern għandu volum ta' bejn 1300 u 1500 ċentimetri kubi. Fil-kors ta' l-evoluzzjoni tal-bniedem id-daqs tal-moħħ kiber b'aktar minn tliet darbiet. Iż-żieda fid-daqs tal-moħħ tista' tiġi relatata għal bidla fl-imġiba tal-bniedem. Matul iż-żmien, il-għodod magħmula mill-ġebel u l-oġġetti maħduma mill-bniedem bdew jiżdiedu ħafna aktar u bdew jieħdu bixra iżjed sofistikata. Siti arkeoloġiċi juru wkoll li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-bnedmin aktar bdew ifittxu li jgħixu flimkien.

***Ir-rotot tal-Emigrazzjoni tal-Bniedem***




*Hemm qbil dwar ir-rotot li qabad il-bniedem, li matul l-evoluzzjoni tiegħu, minn naħa tal-Lvant u t'Isfel ta' l-Afrika emigra lejn il-Medju Orjent, l-Aska u l-Ewropa, u mbagħad ħafna wara mill-Asja wasal fl-Ameriki. Kif u meta eżatt seħħew dawn l-emigrazzjonijiet għadu dibattibli ħafna. Madankollu, il-bniedem fil-vjaġġi tiegħu ltaqa' u rikeb bosta ostakli kbar bħalma huma barrieri ġeografiċi kif ukoll klimatiċi li jinkludu deżerti kbar, ktajjen ta' muntanji, ilmijiet immensi u għarar kbar ta' silġ, speċjalment matul il-Perjodi tas-Silġ.*

Fl-istess waqt li l-bniedem kien qed jiġi evolut beda jespandi l-art li kien jokkupa. Hekk insibu li madwar miljun sena ilu minn naħa tal-Lvant u n-naħa t'isfel ta' l-Afrika l-bniedem beda jersaq lejn l-artijiet tropikali u subtropikali tal-Ewrasja. U madwar 500,000 sena ilu, beda joqrob lejn artijiet bi klima aktar moderata f'dawn il-kontinenti. Ħafna aktar tard, madwar 50,000 sena ilu, il-bniedem irnexxielu jaqsam il-barriera tal-baħar lejn l-Awstralja. Iżda huwa biss meta deher il-bniedem modern, madwar 30,000 sena ilu, li dan irnexxielu jersaq lejn il-kontinent Amerikan.

Bil-volum tal-moħħ dejjem jikber il-bniedem beda jiskopri kif jagħmel għodod aktar elaborati u allura seta' jużahom aħjar; u hekk l-antenati tagħna bdew iżidu l-possibiltajiet tagħhom li jgħixu f'ambjenti differenti.

L-eqdem fossili umani ta' l-antenati tagħna juru differenza sostanzjali fil-kobar tal-ġisem bejn iż-żewġ sessi. L-għadam jissuġġerixxi li n-nisa kienu bejn 0.9m sa 1.2m twal u jiżnu bejn 27kg. sa 32 kg. waqt li l-irġiel kienu twal minn 1.5m. jew ftit aktar u jiżnu madwar 68 kg. M'hemmx qbil għala kienet teżisti din id-differenza bejn is-sessi, imma, x'aktarx li r-raġuni kienet minħabba il-mod kif kienu jġibu ruħhom fil-gruppi soċjali tagħhom. Din id-differenza bdiet tonqos gradwalment madwar miljun sena ilu.

**Il-wiċċ u s-snien**

It-tielet l-aktar punt importanti fl-evoluzzjoni tal-bniedem huwa t-tnaqqis tad-daqs fil-wiċċ u s-snien. Kull xadin huwa armat b'żewġ nejbiet kbar li jisporġu 'l barra ferm iktar mis-snien l-oħra. L-eqdem speċi tal-bniedem juri nejbiet li huma maħruġin ftit 'l barra iktar mill-oħrajn, imma, fi speċi ta' bniedem li deher aktar tard juri tnaqqis sostanzjali fil-kobor tan-nejbiet. Anki s-snien u d-dras jidhru li ċkienu matul iż-żminijiet.

Marbut ma' dawn il-bidliet huwa l-fatt li l-wiċċ u x-xedaq naqsu fid-daqs tagħhom ukoll. Fl-eqdem speċi nsibu li l-wiċċ huwa kbir maħruġ 'l barra iktar mill-moħħ. Imma hekk kif is-snien bdew jiċkienu u l-moħħ beda jikber, il-wiċċ ċkien ukoll u l-pożizzjoni tiegħu tbiddlet. Hekk il-wiċċ pjuttost żgħir tal-bniedem modern, jinsab taħt il-moħħ u mhux iktar maħruġ 'l barra.

## EVOLUZZJONI TAR-RAS UMANA

| Australopithecus | Homo erectus | Homo (sapiens) sapiens | Homo (sapiens) sapiens |
|---|---|---|---|



| 3-2 miljuni snin ilu | 750,000 snin ilu | 100,000-40,000 snin ilu | 40,000 sena ilu sal-lum |
|---|---|---|---|


**Qronfli**

***FRESH & ARTIFICIAL FLOWER ARRANGEMENTS FOR ALL OCCASIONS***

**Specializing in: WEDDING BOUQUETS, CHURCH & RECEPTION DECORATIONS, FUNERAL WREATHS**

***J. Azzopardi,***
***46, Mikiel Farrugia Street,***
***Xagħra, Gozo.***



***Tel. 552759.***

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




**ISSA TISTA' TĦAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI !**

ISSIB, ĦWAWAR, ĦXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦAL-IKEL.

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Il-Mediċina u l-Mirakli

L-idea li permezz tat-talb, u bl-interċissjoni ta' xi persuna 'qaddisa' hemm xi qawwa sopranaturali li tfejjaq il-mard kienet teżisti minn dejjem. Għalhekk il-mirakli fil-każ ta' fejqan minn mard kienu u għadhom fenomini li jqajjmu kurżita` u stagħgib. Mingħajr ma nidħol fl-aspett spiritwali jew teoloġiku tas-suġġett ser nagħmel xi osservazzjonijiet mill-aspett mediku u mbagħad nħalli lill-qarrejja jagħmlu l-konklużjonijiet tagħhom.

F'dawn l-aħħar erbgħin sena kien hemm diversi riċerkaturi li studjaw dan is-suġġett fil-fond u kitbu dwar is-sejbiet tagħhom. Louis Rose, psikjatra ingliż investiga mijiet ta' każijiet fejn allegatament kien sar xi forma ta' fejqan bl-interċessjoni ta' xi individwu jew inkella *faith-healer*. Dan il-psikjatra għamel kuntatt ma' *faith-healers* minn madwar id-dinja u saħħaħ il-fehma tiegħu fejn seta' billi kkorrisponda kemm mal-*faith-healers*, mal-pazjenti jew individwi milquta bil-marda, u mat-tobba li kienu nvoluti. Biex l-indaġni tiegħu tkun xjentifika huwa ħejja kwestjonarju li kien jibgħatu lil kull min kien involut. It-tabib Rose ippubblika l-istħarrig tiegħu fi ktieb jismu *"Faith Healing" (Penguin Books, 1971)*. F'dan il-ktieb huwa kkonkluda hekk: *"Jiena ma kellix suċċess. Wara kważi għoxrin sena ninvestiga ma rnexxilix insib 'fejqan mirakaluż' wieħed; u mingħajr din l-evidenza jew xi evidenza simili li xi ħadd ieħor jista' jsib, jiena m'inhix konvint mill-forza ta' dik li igħidulha "faith healing". Ħafna minn dawn il-"faith healers" mhumiex xi nies tar-ruħ huma sempliċiment "showmen" li jużaw id-debolezzi tan-nies biex jimpressjonaw. Fl-istess ħin ngħid li jeżistu "faith healers" li veru huma nies tar-ruħ u huma ġenwini għax tassew jixtiequ jgħinu lill-proxxmu tagħhom fit-tbatijiet tiegħu. Anzi ngħid li ħafna mill-fejqan li jsir ma jidhirx għax huwa fejqan spiritwali. Jien personalment dan nemmnu iżda ma nixtieqx inkompli fuq dan il-punt għax mhux il-qasam tiegħi."*

Fil-bidu tas-sebgħinijiet tabib Amerikan, William Nolen M.D., għamel indaġni għal numru ta' snin fejn kien jattendi għal ħafna laqgħat ta' *faith healing* li kienet tagħmel Katherine Kuhlman f'dak iż-żmien. Huwa kien jinnota l-ismijiet ta' dawk il-persuni li kienu dikjarati "imfejqa" waqt dawn il-laqgħat u kien jagħmel *follow-up* tagħhom. Huwa sab li minn ħamsa u għoxrin każ ta' "fejqan mirakuluż", ħadd minnhom ma kien imfejjaq għax wara ċertu żmien dawn kollha marru lura fil-marda li kellhom jew mietu. Dr. Nolen kiteb fuq dak li sab u għamel l-osservazzjonijiet tiegħu fi ktieb jismu *"Healing: A Doctor in Search of a Miracle" (New York, 1974, Random House Inc.)*

Stħarrig kbir ieħor fuq il-*faith healing* sar minn C. Eugene Emery Jr., xjentist Amerikan li madwar għaxar snin ilu kien isegwi lil Fr. Ralph Di Orio, qassis Kattoliku, li l-laqgħat tiegħu ta' *faith healing* kienu jiġbdu l-eluf. F'perjodu ta' sitt xhur Emery nnota tmienja u għoxrin każ ta' "fejqan mirakuluż" permezz tat-talb ta' Fr. Di Orio. Mill-investigazzjonijiet ta' dan ix-xjentist irriżulta li minn dawn il-każijiet l-ebda wieħed ma kien hemm evidenza li kien hemm fejqan minn mard organiku.

Forsi l-iktar stħarriġ intensiv u komprensiv li sar dwar dan is-suġġett kien ta' James Randi li ppubblika dak li sab fil-ktieb "*The Faith Healers*" *(Amherst, N.Y., 1987, Prometheus Books)*. F'dan il-ktieb Randi jikxef ħafna mill-metodi li kienu jintużaw minn dawn il-*faith healers* u sab li bosta minnhom kienu jużaw metodi qarrieqa u saħansitra kienu jużaw aġenti li permezz tagħhom jiksbu informazzjoni kunfidenzjali fuq nies oħra. Dawn sa kellhom aġenti li kienu jitħalltu man-nies li jkunu għal-laqgħa tal-*faith healing* u jagħmlu s-sinjali lil min ikun jmexxi l-laqgħa. Kien hemm min kien iktar sofistikat u uża apparat elettroniku biex jikkomunika mal-aġenti tiegħu. Ovvjament dawn kienu jimpressjonaw aktar iżda kienu jinqabdu u ma jdumux iqarrqu bit-*tricks* tagħhom.




Hemm xi evidenza li l-*faith healing* jaħdem? L-ewwel pass li wieħed irid jagħmel biex forsi jasal għal xi konklużjoni huwa li wieħed jispeċifika x'jirrekjedi "fejqan mirakuluż". Biex ikun hemm fejqan mirakuluż irid ikun hemm tlett kriterji: 1) il-marda trid tkun waħda magħrufa mit-tobba u li normalment teħtieġ xi forma ta' kura medika stabilita; 2) li din l-kura jew xi forma ta' kura oħra li setgħet affettwat l-andament tal-marda ma tkunx ingħatat; u 3) id-dijanjosi u l-fejqan iridu jkunu murija permezz ta' evidenza medika bħalma huma *X-rays, CT Scans* jew testijiet oħrajn mediċi. Għalhekk jekk jiena nemmen li nista' nfejjaq kanċer permezz tal-*faith healing*, l-ewwel irrid nistabilixxi fiċ-ċert li l-pazjent għandu kanċer. Dan isir permezz tat-testijiet li semmejna, nitkellem mat-tobba speċjalisti u nistabilixxi l-istat jew il-progress tal-kanċer jiġifieri nara jekk huwiex lokalizzat jew mifrux mal-ġisem, imbagħad jekk il-pazjent jaċċetta nibgħatu għand il-*faith healer*. Wara jiena nagħmel *follow-up* tal-każ fuq perjodu ta' ħames snin biex naċċerta li l-pazjent ikun tassew fieq, billi nerġa' nagħmel it-testijiet li hemm bżonn biex nivverifika li l-fejqan ikun sar. Hekk biss wieħed jista' jistabilixxi li kien hemm fejqan mirakuluż.

Dan huwa l-metodu xjentifiku, u sa fejn naf jien jintuża' f'xi forma simili meta jkun hemm xi każ ta' fejqan mirakuluż ġewwa Lourdes. Hawn ta' min igħid li minkejja li allegatament isiru kwantità ta' rapporti ta' fejqan minn morda li jmorru Lourdes, l-Knisja taċċetta numru żgħir biss minnhom.

Nixtieq nikkonkludi billi ngħid li jien nemmen fil-mirakli, u dawn iseħħu l-ħin kollu bis-saħħa ta' Alla, imma u mhux biss fis-sens straordinardju tal-kelma.




jikteb
Joe Bajada

# SANNAT JIBQGĦU CHAMPIONS tal-Logħob Mingħajr Konfini

It-tim rappreżentattiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat rebaħ il-ħames edizzjoni tal-Logħob Mingħajr Konfini biex b'hekk żammew it-titlu. B'hekk saru l-uniċi li rebħu dan il-logħob aktar minn darba. Huma spiċċaw fl-ewwel post b'total ta' 30 punt segwiti minn Xagħra bi 28 punt biex għal darba oħra kellhom jikkuntentaw bit-tieni post. Fit-tielet post b'26 punt spiċċaw Żebbuġ li min-naħa tagħhom rebħu mbagħad għat-teni sena konsekuttiva l-*Fair Play Trophy*.

Dan il-logħob bil-parteċipazzjoni ta' diversi kunsilli lokali Għawdxin jiġi organizzat mill-Bord Sportiv Għawdxi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-kumpanija *Leisure and Animation*. Diversi entitajiet offrew l-għajnuna tagħhom fosthom *Lowenbrau, Marsovin, Fontana, Safari Juices, Tasika Auto Ltd, Hotel Calypso*, l-Awtorità Marittima u *Domenic Department Stores*. Din is-serata nżammet fil-Menqa ta' Marsalforn nhar is-Sibt 15 ta' Settembru fejn oriġinarjament kellha ssir ġurnata qabel iżda minħabba l-Luttu Nazzjonali din kellha tiġi posposta. Dan il-posponiment fl-aħħar ħinijiet sfratta l-parteċipazzjoni ta' kunsilli oħra. Fi tmiem l-logħob, Joe Bajada, Chairman tal-Bord Sportiv Għawdxi assistit mis-segretarju Joseph Grech ippreżentaw trofej lir-rebbieħa u l-parteċipanti kollha.

Fid-diskors tiegħu Joe Bajada semma s-sinifikat li l-Bord Sportiv Għawdxi jorganizza dan il-logħob fejn minbarra li jgħaqqad dejjem iktar lill-kunsilli lokali f'armonija ta' ħbiberija, f'solidarjetà bl-isports, wieħed jipprova jgħin mill-aħjar li jista' lill-Fondazzjoni Arka fi ħdan l-Għaqda Għawdxija Persuni b'Diżabilità. Huwa reġa' kkritika lil ċerti kunsilli li juru ndifferenza fl-istedina li ssirilhom biex jipparteċipaw. Joe Bajada appella għal iktar impenn u radd il-ħajr lil dawk kollha li taw s-sehem tagħhom biex saret din l-edizzjoni. Bħala apprezzament il-Kunsilli Lokali tax-Xagħra u Żebbuġ ġew mogħtija tifkira talli pparteċipaw fl-edizzjonijiet kollha. Huwa semma għaliex dan il-logħob kellu jiġi pospost minħabba t-traġedja kbira li ġrat fl-Istati Uniti. Joe Bajada qal li anke l-Bord Sportiv Għawdxi jingħaqad ma oħrajn biex jikkundanna mingħajr

l-ebda riserva u bl-iktar mod qawwi l-attakki terroristiċi tant gravi fuq nies innocenti. It-terroriżmu qatt ma jista jiġi ġġustifikat. F'isem il-Bord, huwa offra l-kondoljanzi lil Gvern Amerikan u lil familjari kollha tal-vittmi u s-simpatija u s-solidarjetà ma dawk kollha li ġarrbu ġrieħi, tbatija u diffikultajiet oħra f'dawn l-attakki kontra ċ-ċiviltà.



*It-tim rebbieħ ta' Sannat*
*flimkien ma Joe Bajada, chairman tal-Bord Sportiv Għawdxi.*

Finalment Joe Bajada rringrazzja lill-kunsilli parteċipanti u lill-plejers kollha li minkejja li l-posponiment ħolqilhom problemi bħalma fil-fatt ħoloq lill-organizzaturi, xorta waħda ħadu sehem. Huwa radd ħajr lill-kumpanija li mexxiet il-logħob u lil dawk kollha li taw xi *sponsor*, lill-sħabu tal-Bord u b'mod speċjali lis-segretarju Joseph Grech, lill-Kumitat tal-Kultura u lill-pulizija ta' l-għajnuna u l-kooperazzjoni tagħhom. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas huwa rringrazzja lil dawk kollha li assistew għal-logħob u lil dawk li offrew id-donazzjonijiet tagħhom għal dan l-iskop nobbli.









*miġbura minn Pierre Mejlak*

- Ir-riċerkaturi ilhom għaddejjin bl-esperimenti biex jivvintaw strument li jittraduċi minn lingwa għall-oħra dak il-ħin stess. S'issa għadhom ma waslux donnhom. Dan l-aħħar pero` ivvintaw strument li jittraduċi l-inbiegħ tal-klieb. Permezz tiegħu se nkununafu x'ikun qed jgħid il-kelb. L-istrument jismu *Bau Bau*, se jkun għall-bejgħ fi Frar tas-sena 2002

- Bl-"effett serra", l-klima tant qed tisħon li l-oċeani qed jitilgħu fuq żewġ millimetri fis-sena. Qed jiżdiedu l-urugani u xita torrenzjali. Minħabba mewġ għoli li qed jaħbat fuq ċerti xtajiet, f'ċerti pajjiżi bħal Scarborough fl-Ingilterra ħasbu biex jibnu ħitan kbar ta' ilqugħ kontra l-mewġ.

- Fil-Ġappun ivvintaw xkupilja tas-snien li taqla l-plakka li teħel mas-snien mhux aktar permezz tal-brix imma b'xokk elettriku żgħir. Il-kumpanija qed tassigura li m'hemmx biża mix-xokk jew minn uġigħ.





***Tad-daħk... imma bis-serjeta`!***

*Veru li għall-moda m'hemmx limiti, la fil-ħwejjeġ u l-kpiepel u lanqas fit-twiebet! Fl-ewwel ritratt tidher mara anzjana ngliża li fil-konkors ta' 4 ijiem tar-Royal Ascot ħarġet tikkompeti b'kappell oriġinali u straordinarju: "shower" komplut bl-ilma b'kollox! Fit-tieni ritratt, il-moda tbiddlet ukoll fuq it-twiebet moderni f'Dallas, l-Amerika. Qed isiru twiebet b'xenarju sabiħ impitter dawramejt fil-ġnub, inkella mżejna b'ritratti u messaġġi bħal "Return to Sender". Anke t-"Twin Towers" sabu l-'mewt' traġika tagħhom impittra fuq tebut!*



# Bortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**



*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**

Ask for Bernard...With 25 Years of Experience




LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
TRIQ FORTUNATO MIZZI, VICTORIA, VCT 111 - GHAWDEX
TEL: 560496/7 FAX: 561860

Kotba u rigali reliġjużi








Kull xorta ta' Stationery u kiri ta' Videos edukattivi

Servizz ta' Photocopying u bejgħ ta' karta

**Ħinijiet tal-Ftuħ**
**mit-Tnejn sas-Sibt**
**9.30a.m. - 12.30p.m.**
**5.00p.m. - 9.00p.m.**

OFFERTA SPEĊJALI GĦALL- **APluS account** sat-30 ta' Novembru, 2001

# L-Aqwa Mod Kif Tiffranka L-Imgħax*

## fuq self ta' aktar minn Lm25,000 għal darek

## u issa mingħajr spejjeż tal-Bank



*Mudell tad-dar riprodott bil-permess ġentili ta' Heritage Homes Ltd.*

Ħu vantaġġ minn din l-offerta ġdida:

**Ebda** ħlas għall-ipproċessar, **Ebda** ħlas legali tal-Bank u **Ebda** ħlas għall-perit tal-Bank għal kull applikazzjoni għal self għal xiri ta' dar li l-Bank jirċievi sat-30 ta' Novembru 2001.

* Meta tgħaqqad is-self għal dar mal-kont kurrenti u mal-kont *savings* tista' tiffranka eluf ta' liri fi ħlas ta' mgħaxijiet.

## Rata waħda u ċara

**6.15% imgħax fis-sena fuq il-bilanċ ta' l-APluS Account**

Self ta' inqas minn Lm25,000 igawdi mir-rata speċjali ta' 5.70% imgħax fis-sena u mingħajr spejjeż tal-Bank bil-pakkett speċjali ta' l-APS Home Loans.

**Ċempel illum fuq**

# 563 512

u staqsi għal aktar dettalji

APluS account

MOD ĠDID KIF TISSELLEF GĦAL DAREK

APS BANK